Subbasta 66/22

**Valutazzjoni ta' Proprjeta' Immobbli**
Rif: C00934.00_G01

**Garaxx bin-numru mhux uffiċjali 5**
**li qabel kien iġib l-isem ta' "Caxton Printshop"**
**Triq Mastru Ġorġ Cachia**
**Tal-Ħandaq, Qormi**
**Malta**

**5 ta' Lulju 2023**

4, Sappers Street,
Valletta VLT 1320
Malta

tel +356 21 243 981
fax +356 21 243 997

*5 ta' Lulju 2023*

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: ______
0 6 JUL 2023
643
PAID

Rif: C00934.00_G01

**Fond: Garaxx bin-numru mhux uffiċjali 5, li qabel kien iġib l-isem ta' "Caxton Printshop", Triq Mastru Ġorġ Cachia, Tal-Ħandaq, Qormi, Malta**

Is-sottoskritt ġie maħtur bħala espert fl-atti tal-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobbli Nru 66/22 *(BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc vs. Paul Mallia)* sabiex iħejji deskrizzjoni tal-fond bin-numru mhux uffiċjali 5, li qabel kien iġib l-isem ta' "Caxton Printshop", Triq Mastru Ġorġ Cachia, Tal-Ħandaq, Qormi, Malta, u sabiex ifisser il-piżijiet, kirjiet u jeddijiet oħra, sew reali kemm personali, jekk ikun hemm, li għalihom dan il-fond huwa suġġett, kif ukoll l-aħħar trasferiment tiegħu, skond l-informazzjoni miġbura kif deskritt fir-rapport anness. Hu mifhum ukoll li s-sottoskritt ġie maħtur sabiex jagħti stima tal-valur fis-suq tal-fond in kwistjoni.

Is-sottoskritt wasal għall-valur hawn taħt imsemmi abbażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet kollha msemmija fir-rapport anness.

Fuq il-bażi ta' dawn il-fatti u kunsiderazzjonijiet, kif ukoll tenut kont tas-sitwazzjoni kurrenti tas-suq tal-proprjeta', l-istima tal-valur tal-fond imsemmi fl-istat odjern huwa ta' **€420,000** *(erbgħa mija u għoxrin elf Ewro).*

..............................

**Perit Jacques Borg Barthet**

Illum 06 JUL 2023
Ippreżentata mill- Perit Jacques Borg Barthet
bla dok/b dunesi dokumenti

Gaetana Aquilina
Deputat Reġistratur
*Deputy Registrar*
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
*Law Courts (Malta)*

**Anness:** Rapport ta' Valutazzjoni

QRATI TAL-GUSTIZZJA - MALTA
IFFIRMATA U MAHLUFA QUDDIEMI
ILLUM 02 ta' Awissu 2023

Gaetana Aquilina
Deputat Reġistratur
*Deputy Registrar*
Qrati tal-Gustizzja (Malta)
*Law Courts (Malta)*

*5 ta' Lulju 2023*

Rif: C00934.00-G01

# Rapport ta' Valutazzjoni

**1. Klijent**

Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Malta.

**2. Indirizz tal-fond**

Garaxx bin-numru mhux uffiċjali 5, li qabel kien iġib l-isem ta' "Caxton Printshop", Triq Mastru Ġorġ Cachia, Tal-Ħandaq, Qormi, Malta.

**3. Sid**

Skond l-informazzjoni ipprovduta (ara l-kuntratt fl-Anness 5), l-aħħar trasferiment tal-fond sar fit-30 ta' April 2014 fl-atti tan-Nutar Dottore Robert Micallef, fejn il-kumpratur huwa indikat bħala Paul Mallia (ID 453181M).

**4. Bażi tal-Valutazzjoni**

Dan ir-rapport iwassal għal stima tal-valur fis-suq *(Market Value)* tal-fond, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 2006/48/EC, u ċioe' *"the estimated amount for which the property should exchange on the date of valuation between a willing buyer and a willing seller in an arm's-length transaction after proper marketing wherein the parties had each acted knowledgeably, prudently and without compulsion."*

Mingħajr preġudizzju għall-fuq imsemmi, il-valur indikat f'dan ir-rapport huwa l-aħjar prezz in fondi likwidi li huwa raġonevolment mistenni li jinkiseb minn bejgħ tal-proprjeta' mingħajr kundizzjonijiet, fid-data ta' din il-valutazzjoni, u a bażi ta' dawn il-premessi:

a. il-bejgħ tal-fond ma kienx sfurzat;

b. qabel id-data tal-valutazzjoni kien hemm perjodu raġonevoli biex isir reklamar dwar il-bejgħ tal-fond, għan-negozjar u qbil dwar il-prezz u t-termini tal-bejgħ, u għall-konklużjoni tal-bejgħ;

c. is-sitwazzjoni tas-suq, in-natura ta' valuri tal-proprjeta' u ċirkustanzi oħra relevanti kienu, fid-data li jsir il-kuntratt tal-bejgħ, l-istess bħal fid-data tal-valutazzjoni;

d. ma hemmx xi offerta addizzjonali minn xi xerrej li għandu interessi speċjali fl-akkwist tal-fond;

e. it-titlu tal-fond jista' jiġi stabbilit u l-fond ma huwiex soġġett għal xi restrizzjonijiet inużwali jew onerużi, jew għal xi dejn;

f. il-fond ma huwiex soġġett għal xi Notifiki Statutorji u kemm il-fond kif ukoll l-użu tiegħu,

eżistenti jew intenzjonat fil-futur, jikkonformaw mal-Kundizzjonijiet Statutorji rilevanti;

g. il-fond m'għandux difetti moħbija u l-materjali li ntużaw għall-kostruzzjoni (jekk applikabbli) kienu ta' kwalita' tajba;

h. il-kundizzjoni tal-fond ġie stabbilit minn ispezzjoni viżwali biss, u, sakemm mhux indikat mod ieħor fir-rapport u f'tali każ fl-estent speċifikat biss, dawk il-partijiet tal-fond li kienu mgħottija, inesposti jew mhux aċċessibbli ma kienux spezzjonati, u l-ebda testijiet ma saru fuqhom biex jiġi stabbilit jekk għandhomx xi difett jew ieħor, u għalhekk il-valutazzjoni tassumi li jekk isir studju strutturali fuq il-fond ma jirriżultawx diffetti serji li jistgħu jwasslu għal spejjeż sostanzjali.

**5. Kundizzjonijiet Speċjali**

Dan ir-rapport huwa kunfidenzjali għall-klijent msemmi hawn fuq u ġie ppreparat għall-iskop speċifiku msemmi hawn taħt. Jista' jiġi rreferit lil esperti li qed jgħinu lill-klijent għall-istess skop, iżda lil ebda persuna jew entita' oħra. Ir-rapport, jew partijiet minnu, ma jistgħux jiġu ppublikati mingħajr il-kunsens tas-sottoskritt.

Is-sottoskritt huwa responsabbli biss lejn il-klijent, u kwalunkwe persuna li tagħmel użu minn din il-valutazzjoni tagħmel hekk unikament a riskju tagħha.

It-titlu tal-fond ma kienx investigat, u tali investigazzjoni ma kienitx parti mill-iskop ta' dan ir-rapport.

**6. Aċċess**

Sar aċċess fuq il-post mis-sottoskritt nhar l-15 ta' Ġunju 2023, fil-preżenza tas-sur Dazier Mallia (ID 295602L) li iddjakara ruħu bħala iben l-intimat u pprovda aċċess ghall-fond, kif ukoll fil-presenza tal-Marixall tal-Qorti Ivan Spiteri Bianchi u kollega tieghu, membri tal-korp tal-pulizija, is-sur Alfred Ferrante u kollega tiegħu bhala rappresentanti ta' Banif Bank (Malta) plc.

**7. Skop**

Deskrizzjoni tal-fond indikat u stima tal-valur fis-suq ta' tali fond għall-finijiet ta' Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeġ Immobbli.

**8. Deskrizzjoni Ġenerali**

*Tipoloġija:* Il-fond jikkonsisti f'garaxx industrijali fil-livell terran *(ground floor)*, u bl-arja tiegħu. Il-fond għandu faċċata fuq Triq Mastru Ġorġ Cachia (*vide* Anness 1). Il-fond jinkludi bitħa żgħira fuq wara.

*Kostruzzjoni:* Il-proprjetá tikkonsisti f'ħitan interni u esterni tal-ġebla tal-franka, li fuqhom iserrħu soqfa tal-planki tal-konkos.

**9. Titlu** — Skond il-kuntratt ta' xiri (*vide* Anness 5), l-arja hija libera, imma m'hemmx informazzjoni rigward il-fond.

**10. Okkupazzjoni** — Fid-data tal-aċċess, il-fond kien jidher li qed jintuża mill-intimat għall-ipparkeġġar ta' xi vetturi.

**11. Awtorita' Lokali** — Kunsill Lokali Qormi.

**12. L-inħawi tal-madwar** — Il-fond jinsab f'żona industrijali, li ġiet żviluppata wara l-1967. Fil-viċinanzi tal-fond wieħed isib diversi garaxxijiet simili, kif ukoll l-iskola Tal-Ħandaq u l-faċilitajiet mal-madwar tagħha.

**13. Toroq** — Triq Mastru Ġorġ Cachia hija miksija bit-*tarmac* u tinsab f'kundizzjoni tajba. It-triq u toroq adjaċenti jinkludu sistema ta' dawl ta' barra *(street lighting).*

**14. Is-Sit**

*Konfini:* Il-konfini tas-sit huma definiti b'mod ċar minn ħitan tal-appoġġ mad-dawra tal-fond, u mill-faċċata fuq Triq Mastru Ġorġ Cachia fuq in-naħa tal-Lvant.

*Karatteristiċi fiżiċi:* Is-sit li fuqu hu mibni l-fond jinsab fuq art ftit għan-niżla. Ma saret ebda investigazzjoni dwar in-natura tas-sottosuol, u ma ġiet ippreżentata ebda evidenza ta' karatteristiċi inużwali. Din l-istima tassumi li ma hemm ebda kundizzjonijiet fis-sottosuol, inkluż iżda mhux biss il-preżenza ta' fissuri, ta' tafal, jew ta' kontaminazzjoni, li jistgħu ikollhom impatt fuq il-valur tal-proprjeta'.

Il-fond għandu faċċata fuq Triq Mastru Ġorġ Cachia, b'kejl ta' madwar 6.3 metri.

Skond il-pjanta tar-Reġistru ta' l-Artijiet prrovduta lis-sottoskritt, l-fond għandu kejl superfiċjali ta' madwar 228 metri kwadri, iżda skond id-deskrizzjoni fil-kuntratt ta' xiri, għandu kejl ta' circa 270 metri kwadri, In oltre, il-qisien li ħa is-sottoskritt b'mod approssimattiv jindikaw li l-fond għandu kejl superfiċjali ta' madwar 228 metri kwadri. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, ġie kkunsidrat dan il-kejl ta' l-aħħar, u mhux dak indikat fil-pjanta tar-Reġistru ta' l-Artijiet, u huwa rrakkomandat li jsir *survey* preċiż tal-fond sabiex jiġi stabbilit b'mod ċar id-daqs tal-proprjeta'.

*Servitujiet:* Waqt l-ispezzjoni, ma kienx jidher li kien hemm servitujiet gravanti fuq il-fond. Is-sottoskritt ma nghata ebda informazzjoni rigward l-eżistenza ta' xi servitù.

**15. Partijiet Komuni** — Qiegħed jiġi meqjus li l-fond jinkludi sehem indiviż tal-ħitan tal-appoġġ flimkien mas-sidien tal-proprjetajiet adjaċenti.

**16. Akkomodazzjoni**

Ma sar ebda kejl preċiż *(survey)* tal-fond, u tali kejl ma kienx parti mill-iskop ta' dan ir-rapport. Il-fond jikkonsisti fi spazju kbir li qed jintuża bħala garaxx għall-karozzi, kif ukoll *WC* u bitħa fuq wara ta' dan l-ispazju. Fil-ġenbhemm taraġ li jagħti aċċess għal sular mezzanin, fejn hemm spazju, li partijiet minnu huwa magħluq b'tlett filati ħajt baxx u parti ta' fuq f'forma ta' *partition* magħmula mil-ħġieġ u l-injam. Fuq il-faċċata hemm bieb li jagħti għal fuq spazju żgħir li s-sottoskritt ma ngħatax aċċess għalih u li seta jifhem il-kobor tiegħu biss mill-ħitan ta' madwaru. Huwa mifhum illi dan l-ispazju kien maħsub bħala bokka biex fil-futur isir aċċess b-*lift* fl-eventwalita' li jinbnew sulari oħrajn.

**17. Kunsiderazzjonijiet tal-Ippjanar**

Il-fond jinsab f'lokalita' li taqa' taħt ir-rekwiżiti tal-Pjan Lokali magħruf bħala *Central Malta Local Plan* (CMLP) ppublikat mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). Il-funzjonijiet ta' ippjanar tal-MEPA ġew mgħoddija lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar li twaqqfet fl-2016.

Il-fond jinsab fiż-żona ta' l-iżvilupp u f'Żona Industrijali Tal-Ħandaq *(Tal-Handaq Industrial Estate)* kif deskritt fil-Policies QO07. Is-sit jinsab f'żona fejn l-għoli permissibbli hu ta' 3 sulari u *semi-basement* sottostanti, li skond l-Anness 2 tad-*"Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015"* jikkorrispondi għal għoli massimu ta' 17.5m.

Ma jirriżultax li hemm xi azzjoni ta' infurzar fuq il-fond.

Intalbet informazzjoni dwar il-permess lil-Bank permess ta' email datata 5 ta' Mejju 2023 u intalab kopja tal-permess minn għand l-intimat permess ta' diversi ittri rreġistrati, liema informazzjoni jew kopja ma ġewx provduta lis-sottoskritt. Saret riċerka l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, u nstab li nħareġ dan il-permess li jidher illi jirreferi għas-sit in kwistjoni:

- **PB/00537/92:** (kopja tal-permess u tal-pjanti huma annessi – vide Anness 4)

Il-fond jidher li m'huwiex mibni skond dan il-permess stante illi is-sit huwa muri bħala rifless (*mirror image*) ta' dak li hu muri fil-pjanta u cioe bit-taraġ u l-bieb sekondarju fuq il-lemin tal-pjanta u mhux fuq ix-xellug. Il-parti mibnija hija ferm ikbar minn kif indikat fuq l-istess permess bir-riżultat illi il-bitħa hija ferm iżgħar. Hemm ukoll numru ta' varjazzjonijiet interni. Il-pjanti ma jurux l-ispjazji li hemm fuq il-livell mezzanin. In oltre, il-pjanti tal-permess juru li l-garaxx għandu tieqa fuq wara, u aċċess għal spazju żgħir fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx. Fuq is-sit, instab li fuq wara tal-garaxx hemm WC bit-tieqa tagħti għal ġol-bitħa, kif ukoll bieb li jagħti aċċess għall-bitħa fuq wara. Qed jiġi preżunt li dawn l-alterazzjonijiet jistgħu jiġu sanzjonati permezz ta' applikazzjoni ta' l-iżvilupp lill-Awtorita' ta' l-

ippjanar. Għall-fini ta' din il-valutazzjoni, qed jiġi preżunt li tali sanzjonar ikollu riżultat pożittiv u s-sottoskritt jirriżerva d-dritt li jaġġusta il-valutazzjoni jekk jirriżulta li jkun mod ieħor.

*In oltre*, s-sottoskritt jinnota li:

(i) Huwa preżunt li l-fond huwa mibni skond il-linja uffiċjali tal-bini u skond l-għoli permissibbli.

**18. Kunsiderazzjonijiet Statutorji**

Fid-data ta' l-aċċess ġiet innutata bokka li tindika preżenza ta' bir għall-ilma tax-xita u qed jiġi preżunt li dan huwa skond ir-regolamenti viġenti meta nbena l-fond.

**19. Kundizzjoni tal-fond**

Il-fond huwa komplut *(finished)* u jinsab f'kundizzjoni ġeneralment tajba, ħlief f'xi partijiet fejn il-finituri għandhom bżonn ftit irtokki (ara ritratti fl-Anness 2).

L-istruttura tidher li hi f'kundizzjoni tajba, iżda jiġi nnutat dan li ġej:

(i) Ma setatx issir spezzjoni tal-bejt propja tal-fond peress illi dan m'huwiex aċċessibli; il-bejt seta' jidher minn aċċess li sar minn fuq proprjetá ta' terzi, li hija adjaċenti għall-fond in kwistjoni. Jidher mir-ritratti li ttieħdu minn tali aċċess illi l-bejt m'għandux protezzjoni ta' *membrane* għall-ilma tax-xita. Għalhekk kwalunkwe difetti f'tali partijiet sovrastanti li ma setgħux jidhru minn tali proprjetá ta' terzi u li jistgħu jkollhom impatt fuq din il-valutazzjoni ma ġewx osservati.

**20. Servizzi**

Il-fond hu munit bis-servizzi normali ta' dawl, ilma, u drenaġġ. Ma saru ebda testijiet sabiex jiġi aċċertat li s-servizzi huma fi stat tajjeb jew oltre.

**21. Kunsiderazzjonijiet Ambjentali**

Ma ġew innutati ebda fatturi ta' natura ambjentali ta' rilevanza għal din il-valutazzjoni.

**22. Metodoloġija**

Il-proprjeta' suġġett ta' din il-valutazzjoni ġiet meqjusa bir-*residual value method* li hija metodoloġija li tiġi applikata fil-valutazzjonijiet ta' proprjetajiet li għandhom lok biex jerġgħu jiġu żviluppati. Il-metodu huwa bbażat fuq il-valur tal-proprjeta' lardarba din tiġi kompluta għall-użu li l-iżjed irendi valur, meta wieħed jikkunsidra regolamenti tal-ippjanar, possibilitajiet ta' żvilupp, kunsiderazzjonijiet ekonomiċi ta' proprjetajiet simili (*comparative method to establish rental values*) u metodu ta' kapitalizazzjoni tal-kera (*market rent-capitalisation method*). Qiegħed jiġi meqjus illi il-proprjeta', a bażi tal-*policies* tal-ippjanar odjerni, għandha potenzjal li terġa tiġi żviluppata u li l-bini eżistenti jista' jitwaqqa' u minn floku jinbnew sular *semi-*

*basement,* tlett sulari u sular ieħor irtirat li ma jasalx sal-faċċata (*receded floor*). Dan l-iżvilupp potenzalment joħloq bini b'kejl superfiċjali totali (*gross external area*) ta' madwar 935 metru kwadru, li minnhom madwar 840 metru kwadru jistgħu jinkrew (*lettable areas*). Il-valur residwu tal-art jiġi kkalkolat billi jitnaqqsu minn dan il-valur kapitalizzat tal-kera, l-ispejjeż ta' bini u spejjeż oħrajn relatati. L-istima tal-ispejjeż tal-bini jammontaw għal total ta' madwar €750,000 li huwa ekwivalenti għal madwar €800-il metru kwadru ta' kejl superfiċjali (*gross external area*). Tnaqqis ieħor isir biex jittieħdu in konsiderazzjoni telf fuq interessi, fatturi ta' qligħ u riskju (*profit and risk premiums*), u spejjeż ta' xiri.

………………………………………
**Perit Jacques Borg Barthet**

**Annessi:**

1. Pjanta tas-sit (*site plan*), 1:2500
2. Ritratti
3. Estratti mill-Pjan Lokali (*Central Malta Local Plan*)
4. Dokumenti relatati mal-permess PB/00537/2
5. Kuntratt ta' xiri tal-beni mmobbli
6. Inkartament mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u dokumentazzjoni oħra pprovduta u korispondenza
7. Irċevuti ta' xiri ta' pjanti

Illum 02.08.2023
Deher -Perit Legali / Tekniku: Jacques Borg Barthet
u wera li ddikjara li thallas l-ammont lilu dovut, ħalef/ħalfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu mogħti lilu/ha.
Deputat Registratur

Annex 1

Pjanta tas-sit (*site plan*), 1:2500

FOR LOCATION ONLY




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m




Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

## *Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet* / *Land Registration Agency*

*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* **311412 E** | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 52061** **y = 69866** | Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **5269** | Data: *Date:* **05/07/2023** |

Perit: *Architect:* [signature]

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 228 $m^2$

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

**AP Valletta**
**4 Sappers Street**
**Valletta VLT 1320 Malta**
**Tel: +356 2124 3981**

LR 313776

Dritt imħallas *Fee Paid*

Annex 2

Ritratti






















Annex 3

Estratti mill-Pjan Lokali (*Central Malta Local Plan*)




# CENTRAL MALTA LOCAL PLAN

MEPA

L-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Malta Environment & Planning Authority

**Key**

- Local Council Boundary
- Limits to Development (TPS)
- Urban Conservation Area CG09
- Retain Existing Use with Extensions to Institutions
- Residential Areas CG07, QO06
- Green Areas CG18
- Strategic Open Gaps CG25
- Secondary Town Centre CG12
- Civic Centre QO01
- Civic Centre at lower street level with overlying Public Open Space at upper street level QO01
- Commercial Area CG14
- Sports CG18
- Site Reserved for Education, Sports and Car Park QO02
- Education
- SME Sites QO07, QO08, CG15
- Boundary marking limit of zone prone to flood risk CG30
- Valley Watercourse Areas CG30
- Mixed Use Areas QO04
- Rezoning QO03, QO05
- Offices
- Development subject to Policy CG01 & QO07

## Qormi
## Area Policy Map

| Scale | Date : | Map |
|---|---|---|
| 1:9000 | July 2006 | QOM1 |

INDICATIVE ONLY
Not to be used for direct interpretation or for the interpretation of street alignments.

Base Maps - 1988 Survey Sheets
Copyright Mapping Unit, Malta Environment & Planning Authority

10inset09




# CENTRAL MALTA LOCAL PLAN

MEPA

L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Malta Environment & Planning Authority

## Key

- Local Council Boundary
- Limit to Development (TPS)
- Urban Conservation Area CG09

**Within UCA**

(Without semi-basement)

- 2 Floors

**Outside UCA**

- As per Policy QO01, Q005
- 1 Floor without semi-basement
- No semi-basement within area enclosed by black line
- 3 Floors Plus Semi-Basement
- 4 Floors without semi-basement
- 3 Floors plus semi-basement (Industrial)
- Boundary marking limit of zone prone to flood risk CG30

## Qormi Building Height Limitations Map

| Scale : | Date : | Map : |
|---|---|---|
| 1:9000 | July 2006 | QOM3 |

INDICATIVE ONLY
Not to be used for direct interpretation or for the interpretation of street alignments.

Base Maps - 1988 Survey Sheets
Copyright Mapping Unit, Malta Environment & Planning Authority

10Heights06c1

ii. An increasing parking problem as on-street parking is drastically reduced due to parked large heavy vehicles and warehouse frontages;
iii. Conflict between handling of goods in and out of the warehouses and pedestrian flow, especially if fork lifters are used. The reversing of large vehicles from the street into warehouses also proves hazardous for pedestrian safety;
iv. The possibility of fire hazards to overlying residences when combustible goods are stored within the warehouses; and,
v. Unattractive and bland street frontages due to the presence of garage doors that are high and wide and the long stay parking of commercial vehicles in residential areas.

13.1.20 Although in a number of residential areas in Qormi there has been a high demand for warehousing in the past, additional warehouses in residential areas would exacerbate unacceptable impacts as described above. The juxtaposition of residential and warehousing uses in Qormi has arisen because of the absence of planned provision of warehousing sites and the relative ease of securing conversions of urban garages into makeshift warehouses.

13.1.21 In order to secure an improvement to the amenity and environmental quality of residential areas which have been compromised through the development of a number of warehouses, the Authority will permit the conversion of such warehouses to more compatible land uses, and will discourage the further intensification and extension of existing warehouses.

## QO07 Tal-Handaq Industrial Estate

**In addition to satisfying the requirements of Policies CG05 and CG16, MEPA will only consider applications for development on sites located within the designated Areas of Containment at Tal-Handaq, as indicated in Map QOM1, after planning obligations have been entered into by the respective developers that secure the general improvement of the relevant sites.**

**MEPA will also encourage the upgrading of the Tal-Handaq Industrial Estate including the Areas of Containment as designated in Map QOM1 by the introduction of estate management programmes directed towards rationalizing and controlling access and parking, provision of utility infrastructure and road upgrading, peripheral landscaping schemes, provision of a waste collection system and the provision of ancillary facilities and amenities.**

**No development will be permitted by MEPA within the minimum 40 metre no development safety zone identified on the Area Policy Map until suitable and sufficient measures are undertaken by Enemalta Corporation to remove any health hazard resulting from the 33kv electricity supply line. In this regard MEPA instigates the Enemalta Corporation to re-route this electricity supply line so as to permanently remove the existing health hazard.**

13.1.22 The Areas of Containment identified at Tal-Handaq measure approximately 137,000 sqm. These sites consist of an area of disused quarries, predominantly dry and abandoned agricultural land parcels bordering the existing industrial area and a small number of derelict buildings. In addition, the sites being proposed do not include any sites of environmental importance as designated in the Qormi Environmental Constraints Map.

13.1.23 These Areas of Containment are designated for the following reasons:

i. Tal-Handaq is strategically located next to the Grand Harbour Port area and is therefore ideal for warehousing in particular;
ii. The Estate is centrally located and is well served by the existing arterial road network;
iii. The schemed industrial area is completely developed and any further development has to take place outside its present boundaries;
iv. The Areas of Containment are located away from Qormi itself, and therefore any proposed new industrial development will not exacerbate pollution problems within the residential areas of Qormi; and,
v. These extensions will provide alternative sites that will enable the relocation of inappropriately located warehousing/industrial activities.

13.1.24 It is evident that the environmental quality of Tal-Handaq Industrial Estate needs to be continuously improved. Improvements enhance the operational efficiency of the Estate and its appearance. Specific initiatives are required through private owner cooperation to coordinate and manage improvement programmes with the relevant agencies. The upgrading of development sites will also be sought through the imposition of planning obligations. In particular, planting schemes along the boundary of the industrial estate could provide a major contribution to improving the visual environment, and in minimizing the impact of the Estate on its surrounding areas.

## QO08 Qormi Industrial Areas

**The SME Sites at L-Istabal, Tal-Bajjad and Tad-Dwieli as indicated in the Qormi Area Policy Map are designated by MEPA for the following land uses:**

1. **Class 11 (Use Classes Order, 1994), Business and Light Industry;**
2. **Class 12 (Use Classes Order, 1994), General Industry; and**
3. **Class 17 (Use Classes Order, 1994), Storage and Distribution.**

**Develoment in these industrial areas is subject to the following conditions:**

i. **Developments shall not exceed a building height of three floors plus semi-basement;**
ii. **Compliance with any required mitigation measures that may be identified during the assessment process of particular planning applications; and,**
iii. **It is shown to the satisfaction of MEPA that no deleterious impacts will result from any development.**

13.1.25 The TPS (1988) zoning of the established industrial areas at L-Istabal, Tal-Bajjad and Tad-Dwieli is being retained however following specific criteria in order to ensure that no negative impacts arise from such uses.

## QO09 Improvements to Mriehel By-pass

**In order to improve safety and the free flow of traffic along this arterial road, MEPA will support and encourage the ADT and other bodies to undertake works and measures to control parking, remove safety hazards and regulate movements along the Mriehel By-pass. These will include:**

Annex 4

Permess tal-ippjanar PB/00537/92

Awtorità Ta' L-Ippjanar
St. Francis Ravelin
Floriana

P. O. Box 200
Valletta

Tel: 24097
Fax: 24097

0i

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR
PLANNING AUTHORITY

To. Mr Amabile Camilleri
Redentur, Triq l-Eroj
Zebbug

Application No: 729/93/537/92
Proposal to erect garage for industrial use

Location Plot 4 Sqaq tal-Beccun Tal-Handaq

## DEVELOPMENT PLANNING ACT 1992 SECTION 33
## DEVELOPMENT PERMISSION

The Planning Authority, following the decision taken by the Planning Area Permits Board at meeting number 79 held on 19/6/92, hereby grants permission to carry out the development described above and in the application dated 17/3/92 /received on ____ and in accordance with the plans submitted (PAPB 537/92/1B) with the application, or as amended and subject to the following conditions :
General Conditions (A) on Form DC1/88.

Height of building should not exceed one floor.

1. The development hereby permitted shall commence within 2 calendar years of the date of this permission, that is by 5/2/95

**Reasons for Conditions**

1. As required by Section 33(4) of the Development Planning Act 1992

Signed ____________
C. J. Scerri.
Acting Secretary
Development Control Commission

Date 5/2/93

**NOTES TO APPLICANTS**

1) This permit is granted saving third party rights;

2) This permit does not dispense the grantee from obtaining from any Department or Authority a permit, license or any other permission required by any law or regulation, in force from time to time, in respect of the construction, reconstruction, repair or alteration of a building or of acquiring materials for such work.

PAPBNEW1.DOT

cm

0e




Tal Handaq - Qormi ss 5269

PLAN: P.A.P.B. 537/92/1B

A. ZAMMIT A. &
Chairman PAPB

SANITA APPROVED
- 1 JUN 1992
Sanitary Engineering Officer




Ground floor plan



Elevation

APPROVED
15 JUN 1992
AESTHETICS BOARD

Joseph Sultana
B.A. Arch., B.Arch.(H)
Architect & Civ...

PLOT
Sqaq Tal-Beccun
Tal Handaq Qormi

Scale 1/100 1/ 50

Annex 5

Kuntratt ta' xiri tal-beni mmobbli

DOK G

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1324, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

| | |
|---|---|
| Att Numru:- | 051/2014 |
| Self u Bejgh. | |
| Insinwat:- | 02/10/2014<br>17968/2014 |
| Vol. I. Numri:- | |
| G.P.P.:- | 12311/2014 |
| Privilegg:- | 12315/2014 |

Illum, it-tletin ta' April, elfejn u erbghatax (30-04-2014).

Quddiemi Nutar Robert Micallef, Nutar Pubbliku gewwa Malta, debitament mahtur u mahluf, qeghdin jidhru personalment wara illi jiena Nutar sottofirmat accertajt ruhi mill-identita` taghhom bis-sahha tad-dokumenti ufficcjali hawn taht imsemmija:-

**Parti I:- Partijiet**

Mill-ewwel parti:- Nancy Gatt, 'head of Credit Administration Unit', mart Emanuel Gatt. Bint Emanuel Agius u Alfrida Agius nee` Zammit, imwielda fil-Pieta`, Malta nhar l-14 ta' Gunju, 1978 (karta tal-identita` numru 293978M) u Kurt Polidano, ufficcjal fil-'Credit Administration Unit', iben Anthony Polidano u Carmen Polidano nee` Debattista, imwielda fil-Pieta`, Malta nhar is-17 ta' Ottubru, 1983 u residenti fil-Mosta, Malta (karta tal-identita` numru 585783M) illi qieghed/qeghda/qeghdin jidher/tidher/jidher fuq dana l-att ghan-nom u in rapprezentanza tal-'**Banif Bank (Malta) p.l.c.**', serje tar-registrazzjoni tal-kumpanija C41030 u bi ufficcju registrat fi numru mitejn u tlieta (203), livell numru tnejn (2), Rue D'Argens, Gzira, Malta, kif debitament awtorizzat/a/i fuq dana l-att ~ minn hawn 'l quddiem imsejjah bhala '**l-Bank**'.

Mit-tieni parti:- **Maria Rema Camilleri Azzopardi**, mart Wayne Camilleri, direttrici ta' kumpanija, bint Joseph Paul Azzopardi u Dorothy Azzopardi nee` Lloyd, imwielda f'San Giljan, Malta nhar l-20 ta' Jannar, 1979 u residenti fi numru tmeinja u tmenin (88), Triq Sant'Anna, Marsascala, Malta (karta tal-identita' numru 136279M) [99512304] ~ minn hawn 'l quddiem imsejha bhala '**l-Venditrici**'.
[Premess illi z-zwieg tal-imsemmija Maria Rema Camilleri Azzopardi huwa regolat mir-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-beni u dan bis-sahha ta' att ippubblikat minn Nutar Francesca Micallef Sammut ippubblikat fis-sittax ta' Jannar, elfejn u erbghatax (16-01-2014)].

Mit-tielet parti:- **Paul Mallia**, 'sprayer', iben guvni ta' Carmel Mallia u Carmen Mallia nee` Agius, imwieled fil-Pieta`, Malta nhar it-13 ta' Awissu, 1981 u residenti fi 'Fleur', Triq il-Kanun, Hal-Qormi, Malta (karta tal-identita` numru 453181M) [99454667] ~ minn hawn 'l quddiem imsejjah bhala '**il-Klijent/il-Kumpratur**'.

Minni Nutar maghrufa u identifikati.

**Parti II:- Self**

Peress illi l-Klijent, talab sabiex jinghata b'titolu ta' self minghand il-Bank is-somma ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)** aktar 'l quddiem imsejha '**is-Self**', u dan biex jintuza kif jintqal hawn taht.

Peress illi l-Klijent qieghed joffri lill-Bank:-
(a) **Ipoteka ġenerali** fuq il-beni kollha tieghu, preżenti u futuri, in ġenerali; u
(b) **Ipoteka speċjali** fuq il-proprjeta' f'**Hal-Qormi, Malta** hawn taht deskritta u imsejjha il-'**Proprjeta**' u dan oltre` il-**Privileġġ Speċjali** spettanti lill-Bank skond il-Liġi fuq l-istess Proprjeta', sal-ammont tas-Self flimkien mal-interessi li jiddekorru fuqha;

U peress illi l-Bank laqa' t-talba tal-Klijent taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hawn taht stipulati;

Bis-sahha ta' din il-parti ta' dana l-att, il-Bank qieghed jaghti b'titolu ta' self lill-Klijent, illi bl-istess titolu ta' self jaċċetta, is-somma ta' **mitejn elf Euro** (€

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1324, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

**200,000.00c)**, f'dan l-att imsejħa **'is-Self'**, u dan sabiex iħallasha direttament lill-Venditrici versu l-prezz tal-akkwist tal-imsemmija Proprjeta' trasferita permezz ta' 'Parti III' ta' dana l-att u dan b'tali mod li l-Bank ikun jista' jżomm, jirreserva jew jikkonserva favurih, skond il-kaz, il-privilegg specjali kompetenti lilu skond l-artiklu elfejn u għaxra (2010) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitlu sittax (Cap. XVI) tal-Liġijiet ta' Malta.

Sakemm ma jkunx hemm ftehim ieħor, is-Self huwa pagabbli fi zmien **ħmistax-il (15) sena** jew fi kwalunkwe estensjoni ta' dan iz-zmien.

Il-partijiet jiftehmu illi fuq is-self għandu jiddekorri imgħax bir-rata kif stipulata fil-'Credit Agreement'. Dan l-imgħax għandu jiġi ikkalkolat fuq il-bilanc tas-self dovut minn zmien għal zmien u dan issir skond il-prattika bankarja.

In kawtela u bħala garanzija tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' dana l-att, partikolarment tal-pagament puntwali tas-Self u l-interessi li jiddekorru fuqu, il-Klijent qiegħed jikkostitwixxi, a favur tal-istess Bank illi jaċċetta:

(a) **Ipoteka ġenerali**, fuq il-beni kollha tiegħu, preżenti u futuri, in ġenerali sal-ammont tas-Self ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)** oltre l-interessi li jiddekorru fuqha;

(b) **Ipoteka Speċali** għall-ammont ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)**, oltre l-imgħaxijiet li jiddekorru fuqha, fuq il-Proprjeta' u dan oltre **l-Privileġġ Speċjali**, spettanti lill-Bank skond il-Liġi, fuq il-Proprjeta' sal-ammont tas-Self oltre l-interessi li jiddekorru fuqha.

Din is-sigurta' hija oltre kwalsiasi sigurta' oħra li tista' tiġi miftiehma bejn il-Bank u l-Klijent minn żmien għal żmien jew liema sigurta' hija spettanti lill-Bank skond il-Liġi.

Il-Klijent preżenzjalment jgħaraf u jaċċetta il-'Credit Agreement', f'dan l-att imsejjaħ il-'Credit Agreement', ai termini ta' liema dan is-self qiegħed jiġi mogħti u liema 'Credit Agreement' ġie maħruġ f'isem il-Klijent fl-għaxra ta' Marzu, elfejn u erbgħatax (10-03-2014), flimkien ma' emendi li saru sussegwentement lill-istess 'Credit Agreeement', u liema termini u emendi stipulati, il-Klijent jiddikjara illi qara u fehem fl-intier tagħhom.

Is-self huwa għal żmien stipulat. B'danakollu f' eventwalita' ta' ksur ta' xi wieħed jew iktar mill-obbligi msemmija fid-dokument hawn anness intitolat 'Cirkostanzi tan-Nuqqasijiet' u mmarkat bħala Dokument **'A'** u wara li l-Klijent jiġi avzati ta' dan bil-miktub mill-Bank, kull somma kapitali flimkien ma' imgħaxijiet u spejjeż in konnessjoni mas-Self, isiru dovuti u pagabbli mill-Klijent minnufih.

Madanakollu u mingħajr pregudizzju għad-disposizizzjonijiet l-oħra tal-'Credit Agreement' u/jew ta' dan l-att, f'każ li jkun hemm xi nuqqas ta' pagamenti tas-Self min-naħa tal-Klijent u/jew jekk il-Klijent b'xi mod jew ieħor ma jonorax jew jikser l-kondizzjonijiet tal-'Credit Agreement' u/jew ta' dan l-att, il-Bank jirriserva d-dritt illi fil-perjodu meta l-Klijent jkunu hekk moruż, jżid ir-rata tal-imgħax fuq l-ammont totali tas-Self li jkun dovut b'massimu ta' erbgħa fil-mija (4 %) oltre ir-rata ta' imgħax stipulata fil-'Credit Agreeement'.

Mingħajr pregudizzju għad-drittijiet l-oħra li l-Bank għandu taħt il-'Credit Agreement' jew dan l-att, f'kaz li l-Klijent jibqa' moruz fil-pagamenti tas-Self jew jekk jikser l-obbligi tiegħu taħt il-'Credit Agreement' u/jew dan l-att, il-Bank jista' jiddebita kull pagament, flimkien ma' imgħaxijiet u spejjez oħra relatati mill-kont/ijiet tal-Klijent mizmuma mal-Bank.

Il-Klijent jista' f'kull hin ihallas s-Self kollu jew parti mis-Self flimkien ma l-imghax dovut sad-data ta' meta issir il-hlas suggett li l-Bank jigi innotifkat bil-miktub mill-inqas hames (5) t'ijiem tax-xoghol qabel id-data tal-pagament li jkun imiss.

Meta parti mis-Self jigi imhallas qabel iz-zmien stipulat fil-'Credit Agreement', l-ammont pagabli kull xahar u spejjez ohra relatati jistghu jigi modifikati b'tali mod li jirriflettu il-parti tas-Self li thallset kmieni. Ghal kull buon fini, f'kaz meta parti mis-Self jithallas qabel iz-zmien stipulat fil-'Credit Agreement', it-terminu pagabbli tas-Self jibqa' dak kif miftiehem originarjament u stipulat fil-'Credit Agreement'.

F'każ ta' ħlas qabel iż-żmien stipulat fil-'Credit Agreement', ma jkunx hemm rifużjoni ta' spejjeż lil-Klijent illi gew imhallsa minnu lill-Bank u illi huma imsemmija fil-'Credit Agreement' bħal spejjeż ta' pproċessar u spejjeż legali. In oltre, fil-kaz li jithallas is-Self kollu qabel iż-żmien stipulat fil-'Credit Agreement', skontijiet fuq l-ispejjez ta' pprocessar jew fuq spejjez ohra moghtija mill-Bank lill-Klijent waqt l-iffirmar tal-'Credit Agreement', jigu mhallsa lill-Bank billi il-Bank jiddebita il-kontijiet kurrenti/'savings' f'isem il-Klijent mizmuma mal-Bank b'ammont ekwivalenti ghall-iskont ta' dawn l-ispejjez.

F'każ ta' varjazzjoni fir-rata tal-interessi tas-Self, il-Bank jista' jvarja l-ammont tal-pagamenti tas-Self illi għad fadal. Jekk ma jsir l-ebda aġġustament, il-pagamenti jkomplu sakemm is-Self, flimkien mal-interessi li jiddekorru fuqu, jitħallas lura minkejja li dan jista' jbiddel il-perjodu ghall-hlas li kien ġie previst oriġinarjament.

Il-Bank jirriserva d-dritt li jbiddel u/jew izzid mat-termini u l-kundizzjonijiet li jirreggolaw is-Self (dan jinkludi l-perjodu ta' hlas, ir-rata ta' imghax u spejjez) ghal ragunijiet ta' sigurta', ragunijiet legali, regulatorji jew suq u/jew jintroduci fil-futur spejjez u drittijiet li huma ikkonsidrati neccessarji mill-Bank fl-ambitu tal-ligi. Il-Bank irid jagħti lill-Klijenti pre-avviż raġjonevoli ta' kwalunkwe tibdil.

Barra mill-kundizzjonijiet stipulati fil-'Credit Agreement', il-Klijent u l-Bank jaqblu illi:

1. L-ispejjeż u d-drittijiet kollha in konnessjoni ma' dan il-kuntratt inklużi l-ispejjeż u d-drittijiet legali u amministrattivi magħmula minn żmien għal żmien sabiex jiġu aġġornati r-riċerki tat-trasferimenti u tad-debiti tal-istess Klijent, it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti u taxxi oħra simili, kif ukoll spejjeż ta' reġistrazzjoni u spejjeż notarili dovuti lin-Nutar sottofirmat għandhom jitħallsu mill-Klijent u filwaqt illi l-Bank qiegħed jiġi awtorizzat mill-Klijent sabiex jiddebita l-kont jew kontijiet tal-Klijent mal-Bank sabiex jitħallsu l-imsemmija spejjeż u drittijiet, l-Bank mhuwiex obbligat jivverifika jekk it-talba tan-Nutar sottofirmat hijiex ġustifikata f'dan ir-rigward.
2. Il-Klijent qiegħed jobbliga ruħhu li fuq talba tal-Bank jagħmel polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjeta' tiegħu kontra kull riskju normali ma' kumpannija ta' assigurazzjoni ta' reputazzjoni tajba u li l-interessi tal-Bank jiġu ndikati fuq il-polza ta' assigurazzjoni relattiva. In oltre, il-Klijent qiegħed preżenzjalment jawtorizza lill-Bank, sabiex jagħmel kull polza ta' assigurazzjoni f'dan ir-rigward fuq il-proprjeta' tiegħu kif jidhirlu l-Bank li hemm bżonn, u dan a spejjeż tal-istess Klijent.
3. Il-Klijent jobbliga ruħu a favur tal-Bank, li jaċċetta, illi qabel ma jkollu l-kunsens bil-miktub mill-Bank:

i. ma jikkostitwixix u ma jħallx li tiġi kostitwita ebda ipoteki generali a favur terzi;

ii. ma jipotekax a favur terzi il-Proprjeta' li giet ipotekata b'mod speċjali a favur il-Bank permezz ta' dana l-att jew permezz ta' kwalunkwe att ieħor

iii. u li bl-ebda mod ma jittrasferixxix il-Proprjeta' li giet ipotekata b'mod specjali a favur il-Bank permezz ta' dan l-att jew permezz ta' kwalunkwe att iehor; dan jinkludi kiri, lokazzjoni u sullokazzjoni lill-terzi.

4. Għall-finijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, Kapitlu mitejn sitt u disgħin (296) tal-Liġijiet ta' Malta, jiena Nutar sottofirmat niddikjara illi l-Proprjeta' ipotekata b'mod speċjali permezz ta' dana l-att tinsab f'żona ta' reġistrazzjoni obbligatorja u illi giet debitament registrata f'isem il-komparenti Venditrici bhala proprjeta' numru **zero sitta zeto zero tnejn sitta sebgha tnejn (06002672)**. Din id-dikjarazzjoni qeghda ssir a bazi tac-certifikat mahrug mir-Registru tal-Artijiet hawn annessa u markata dokument ittra **'B'**. Il-Klijent qiegħed jawtorizza lill-Bank sabiex jagħmel jew isegwi kwalsiasi applikazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet għar-reġistrazzjoni tal-Proprjeta' trasferita fi 'Parti III' ta' dan l-att u ghar-registrazzjoni tal-ipoteki fuq l-istess Proprjeta', fl-eventwalita' li l-Proprjeta' jew tal-ipoteka tiġi dikjarata bħala żona ta' reġistrazzjoni obbligatorja.

5. Il-Klijent jagħraf illi l-Bank ottjena parir legali dwar it-titolu tal-Proprjeta' illi qiegħda tiġi ipotekata permezz ta' dan l-att, u dan sabiex jirregola ruħu dwar ir-riskju fuq is-Self mogħti lill-Klijent. Il-Klijent jiddikjara illi mhux qiegħed jistrieħ fuq id-deċiżjoni tal-Bank illi jissoministra s-Self bħala prova illi t-titolu tal-proprjeta' huwa wieħed tajjeb.

6. Il-Klijent jobbliga ruħu illi jagħti a favur tal-Bank, kull dettal u informazzjoni meħtieġa, rilevanti għall-posizzjoni finanzjarja tiegħu, kif mitluba mill-Bank minn żmien għal żmien, u li jforni lill-Bank b'dak kollu li jkun hemm bżonn biex jivverfika talli informazzjoni.

7. Il-Bank ser jirritjeni fil-pussess tiegħu r-riċerki tat-trasferimenti u tad-debiti tal-istess Klijent, sakemm is-Self jitħallas lura għas-saldu mill-istess Klijent.

8. Il-Bank jobbliga ruħu sabiex jipproċessa kull informazzjoni u dettalji personali dwar il-Klijent mgħodija lilu skond l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, kapitlu erba' mija u erbgħin (440) tal-Liġijiet ta' Malta.

Dana l-att għandu jiġi regolat u nterpretat esklussivament skond il-liġi ta' Malta. Il-Bank u l-Klijent jobbligaw ruħhom sabiex jissottomettu għall-ġurisdizzjoni mhux esklussiva tal-Qrati Maltin.

## Parti III:- Kompra-Vendita

### Parti III(A):- Trasferiment tal-proprjeta'

U bis-sahha ta' din il-parti ta' dana l-att, il-komparenti Venditrici qeghda tbiegh, tassenja u tittrasferixxi versu u a favur tal-Kumpratur illi minn naha tieghu qieghed jaccetta, jixtri u jakkwista, is-segwenti beni immobbli, minn hawn 'l quddiem imsejha bhala **'l-Proprjeta'**':-

**Il-garage intiz ghall-uzu industrijali, mibni fuq parti mill-porzjoni diviza ta' art ('plot'), indikata bin-numru mhux ufficcjali hamsa (5), mill-artijiet imsejha 'tal-Beccun', fil-kontrada imsejha 'tal-Handaq', fil-limiti ta' Hal-Qormi, Malta tal-kejl ta' circa mitejn u sebghin punt tlieta wiehed metri kwadri (270.31 m$^2$), u liema garage sa llum huwa bla numru ufficcjali izda mhux ufficcjalment markat bin-numru hamsa (5) u qabel kien igib l-isem ta' 'Caxton Printshop', fi Triq Mastru Gorg Cachia, f' Tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, Malta u bil-arja libera tieghu u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu u bhala 'tale quale' u kif jidher ahjar fuq il-pjanta annessa ma' att tan-Nutar Carmel Mangion datat l-erbghatax ta' Frar, elfejn u wiehed (14-02-2001) (Ins. 2788/2001) u markata dokument ittra 'A' u liema pjanta ai fini ta' referenza qeghda tigi hawn unita bhala dokument ittra 'A' u ukoll mis-'site-plan' hawn unita u markata dokument ittra 'C'. Il-garage de quo imiss mit-Tramuntana u minn Nofasinhar mal-porzjonijiet divizi tal-art ('plots') bin-numri erbgha (4) u sitta (6) mill-istess**

**art imsejha 'tal-Beccun' u mill-Punent mal-imsemmija Triq minn fejn il-garage ghandu l-access.**

Parti II(B):- Termini u Kundizzjonijiet

Din il-kompra-vendita qeghda ssir u tigi accettata taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet, bonarjament maqbula bejn il-partijiet ghal da nil-att:-

1. Bil-prezz ta' **mitejn u hamsa u tletin elf Euro (€ 235,000.00c)** u mill-liema somma l-Kumpratur diga hallas a favur tal-Venditrici illi taqbel is-somma ta' **hamsa u tletin elf Euro (€ 35,000.00c)** u ghalaqstant il-Bank kif debitament delegat mill-Kumpratur fi 'Parti II' ta' dana l-att qieghed issa jhallas il-bilanc tal-prezz dovut mill-imsemmi Kumpratur fl-ammont ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)** lill-Venditrici accettanti u dan ghas-saldu pjen u ntier tal-prezz u dan l-att jikkostitwixxi d-debita ricevuta. Ghaldaqstant, stante illi l-Bank wettaq id-delega lilu maghmula fi 'Parti II' ta' dana l-att qieghed issa jirrizerva a favur tieghu l-**Privilegg Specjali** spettanti lilu bil-Ligi fuq l-istess proprjeta'.
2. Il-Venditrici qeghda issa taghti s-segwenti garanziji lill-Kumpratur accettanti:-
   (a) In garanzija tal-pacifiku pussess u r-reali godiment tal-Proprjeta', il-Venditrici qeghda taghti u tikkostitwixxi **ipoteka generali** fuq il-gid u l-beni kollha taghha, prezenti u futuri u dan a favur il-Kumpratur accettanti;
   (b) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-proprjeta' hija battala u allura qeghda tinghadda lill-Kumpratur bil-garanzija tal-pussess battal;
   (c) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' qeghda tigi trasferita bhala illi hija hielsa minn kawzi, mandati u impedimenti legali ghat-trasferiment u bhala illi hija hielsa minn avvizi/ordnijiet ta' rekwizizzjoni u esproprijazzjoni;
   (d) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' hija mibnija bis-sengha u l-arti tal-bini u bhala illi hija koperti minn permessi tal-izvilupp u l-proprjeta' qeghda tigi trasferita bhala illi hija hielsa minn ordnijiet/avvizi ta' infurzar;
   (e) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' mhix skedata u bhala illi mhix ta' importanza storika, arkitettonika, monumentali, arkeologika u bhala illi mhix meqjusa bhala patrimonju nazzjonali;
   (f) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-kontribuzzjonijiet tat-triq, drenagg u asfaltar huma mhallsa ghas-saldu pjen u intier;
   (g) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' hija hielsa minn ipoteki, privileggi u djun ohrajn;
   (h) Dwar appoggi l-Venditrici tiddikjara illi ma hemmx pendenzi dovuti minnha u jekk fi kwalunkwe kas hemm dawn jibqghu dovuti mill-istess Venditrici, filwaqt illi kwalunkwe jeddijiet taghha dwar l-istess appoggi qeghdin jigu mghoddija a favur il-Kumpratur accettanti per konsegwenza ta' dan it-trasferiment odjern;
   (i) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi kwalunkwe kontijiet gravanti l-Proprjeta' u dovuti sa llum jibqghu a karigu taghha u tintrabat illi thallas l-istess immedjatament filwaqt illi tintrabat ukoll illi taghmel tajjeb jekk il-Kumpratur ikun imgieghel jaghmel tajjeb ghal xi kontijiet illi dan tal-ahhar ikollu jhallas u illi kienu dovuti mill-Venditrici, jekk ikun hemm.
3. Spejjez tal-kuntratt u nutarili u t-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti hija a karigu tal-Kumpratur, filwaqt illi t-Taxxa fuq il-Qliegh Kapitali u hlasijiet dovuti lill-kredituri huma dovuti mill-Venditrici.
4. Senserija/hlasijiet lill-agenzija mhux dovuti in konsegwenza ta' dana t-trasferiment odjern.

Parti II(C):- Klawsoli Fiskali

Ai fini tal-Att numru sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII/1993), relattiv ghall-provenjenza, jiena Nutar sottofirmat niddikjara illi l-Venditrici kienet akkwistat l-Proprjeta` de quo meta kienet ghadha xebba u cioe` qabel iz-zwieg taghha u dan mill-poter ta' Ronald u Josephine, konjugi Urpani u dan b'titolu oneruz, bis-sahha ta' att ta' kompra-vendita ppubblikat minn Nutar Carmel Mangion datat l-erbghatax ta' Frar, elfejn u wiehed (14-02-2001) **(Ins. 2788/2001)**, minn fejn tirrizulta provenjenza ulterjuri. Ghaldaqstant, dan it-trasferiment mhux imponibbli skond 'l fuq imsemmi Att.

Ai fini tal-Att numru sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII/1993), relattiv ghat-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, it-taxxa dovuta mill-Kumpratur tammonta ghal **hdax-il elf, seba' mija u hamsin Euro (€ 11,750.00c)**. B'pero` illi l-konvenju relattiv ghal dan it-trasferiment gie debitament registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bhala P S tnejn zero wiehed tlieta zero sitta tlieta disgha erbgha (PS201306394) hawn unita u markata dokument ittra **'D'** u mir-ricevuta numru erbgha hamsa sitta tmienja sebgha tmienja (456878) hawn unita u markata dokument ittra **'E'** u in konsegwenza ghall-istess, il-Kumpratur diga hallas bhala taxxa provvizorja s-somma ta' **elfejn, tlett mija u hamsin Euro (€ 2,350.00c)**. Il-bilanc fis-somma ta' **disghat elef u erba' mitt Euro (€ 9,400.00c)** qieghed jithallas mill-Kumpratur prezenzjalment.

Ai fini tal-Att numru tmintax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVIII/1993), relattiv ghat-Taxxa fuq il-Qliegh Kapitali, qieghed jigi dikjarat illi l-Venditrici kienet akkwistat il-proprjeta` aktar minn tnax-il (12) sena qabel illum u ghalhekk it-taxxa dovuta hija komputabbli bir-rata finali, biex ghalhekk it-taxxa dovuta tammonta ghal **tmienja u ghoxrin elf u mitejn Euro (€ 28,200.00c)** liema taxxa qeghda tithallas prezenzjalment.

Ai fini tal-Artikolu ħamsa ittra A (5A) sub-artikolu tnax (12) tal-Att tat-Taxxa dwar id-Dħul, il-partijiet qegħdin jiddikjaraw illi huma stqarru miegħi Nutar sottofirmat il-fatti kollha li jistgħu jiddeterminaw jekk dan it-trasferiment odjern huwiex wieħed illi jaqa' fil-parametri tal-Artikolu ħamsa ittra A (5A) u illi huma rilevanti għall-aċċertament tal-ammont propju ta' taxxa dovuta, eżenzjonijiet, inkluż il-valur illi fl-opinjoni tagħhom raġonevolment jirrifletti l-valur fis-suq tal-immobbli hawn in vendita, jekk tali valur huwa ogħla mill-prezz hawn indikat. Il-partijiet qegħdin jagħmlu tali dikjrazzjoni wara illi jiena Nutar sottofirmat wissejthom dwar l-importanza tal-veraċita' tagħha ai temini tal-Liġi.

Il-Kumpratur jiddikjara illi huwa jikkwalifika sabiex ikun jista' jakkwista l-Proprjeta' illi qegħda tiġi trasferita b'dan l-att mingħajr bżonn ta' permess ta' l-akkwist minn persuni mhux residenti u illi huwa residenti ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea u illi għix f'Malta għal perijodu kontinwu matul ħajtu ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara li jien Nutar sottofirmat spjegajtlu u wissejtu dwar l-importanza tal-veraċita' ta' din id-dikjarazzjoni skond il-Liġi.

Ai fini ta' l-Avviz Legali numru erbgħa mija u tlettax tas-sena elfejn u ħdax (A.L. 413/2011), il-Venditrici tiddikjara illi hija ċittadina ta' Malta, u illi ma għandiex l-intenjzoni li titlaq minn Malta sabiex tistabilixxi r-residenza ordinarja tagħha f'pajjiż ieħor qabel id-data tal-prospett tal-'income' għas-sena illi tiġi minnufih wara dik illi fiha sar it-trasferiment odjern. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara illi jiena Nutar sottofirmat fhemtha dwar l-importanza tal-veraċita' ta' din id-dikjarazzjoni u l-implikazzjonijiet sussegwenti.

Ai fini tal-Artikolu erbgħa u tmenin ittra 'C' sub-artikolu ħamsa (Art. 84C(5)) tal-Kapitolu ħamsa u ħamsin (Cap. 55) tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolari għall-ewwel

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1324, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

'proviso' tal-istess, jiena Nutar sottofirmat qieghed niddikjara illi l-Kumpratur qieghed jezenta lili Nutar sottofirmata mill-obbligu tal-ezami tat-titolu u din id-dikjarazzjoni l-Kumpratur qieghed jaghmilha wara illi jiena Nutar sottofirmat fehmtu sewwa u wissejtu dwar l-implikazzjonijiet ta' dan kollu skond kif mitlub mill-istess Kapitolu hamsa u hamsin (Cap. 55) tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ezenzjoni ma torbotx lill-Bank.

Dan l-att gie maghmul, moqri u ppubblikat previa d-debita cerzjorazzjoni skond il-Ligi, hawn f'Malta, fil-Gzira, Rue d'Argens, fil-fond numru mitejn u tlieta (203), fit-tieni sular.

Firmati:- Nancy Gatt – Kurt Polidano – Paul Mallia – Maria Rema Camilleri Azzopardi – **Nutar Robert Micallef (Nutar Pubbliku – Malta)**

ROBERT MICALLEF NOTARY PUBLIC AND COMMISSIONER FOR OATHS MALTA

A certified true copy of original

19·04·21

DR. ROBERT MICALLEF N.P. LL.D

Annex 6

Inkartament mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

u dokumentazzjoni oħra pprovduta u korrispondenza

6009 34.00

**Fil-Prim Awla' tal-Qorti Ċivili**

**Fl-Atti tas-Subbasta Nru.66/22**

**BNF Bank plc gja Banif Bank (Malta) plc**

**vs**

**Paul Mallia**

Lill: Perit Jacques Borg Barthet

Inti mgħarraf illi gejt maħtur bħala espert fl-atti tal-Mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeg Immobbli hawn fuq imsemmi sabiex tagħmel deskrizzjoni tal-fond jew fondi indikat fir-rikors promotur u sabiex tfisser il-pizijiet, kirjiet u jeddiet ohra, sew reali kemm personali, jekk ikun hemm, li għalihom dan il-fond jew fondi ikun suggett kif ukoll l-aħħar trasferiment tiegħu, skond l-informazzjoni li jkun ha mill-kreditur jew mid-debitur.

Inti mitlub sabiex tiġi tiġbor l-inkartament relattiv mis-16 ta' Jannar, 2023 'l quddiem filwaqt illi mgharraf illi ghandek sas-31 ta' Marzu, 2023 sabiex tipprezenta r-rapport dettaljat tieghek.

Gaetana Aquilina
Deputat Registratur

REGISTRY SUPERIOR COURTS
No: 1833
14 DEC 2022
PAID

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

56/2022

Pkz €25.00
Reg € 6.00
Not € 1.20
€32.20

Pkz €200.00
2Reg € 12.00
2Not € 2.40
€214.40

BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc (C41030)

Vs.

Paul Mallia, 'sprayer', iben ġuvni ta' Carmel Mallia u Carmen Mallia Nee' Agius, imwieled Tal-Pieta' Malta nhar it-13 t'Awissu, tas-sena 1981 u residenti Ħal-Qormi Malta, K.I. numru 0453181M

Rikors tal-kumpannija BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc (C41030) għall-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid fuq ħwejjeġ immobbli.

Tesponi bir-rispett:-

Illi in forza ta' sentenza mogħtiha fl-14 ta' Lulju 2022 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc (C41030) vs Paul Mallia K.I. numru 0453181M (rikors ġuramentat numru 467/2022TA - Imħallef Dr Toni Abela) (ara s-sentenza markata Dok. 'A'), liema sentenza issa għaddiet in ġudikat, din l-istess Qorti ddeċidiet il-kawża kif ġej:

"Tilqa' l-ewwel talba Attriċi. Tilqa' it-tieni talba Attriċi billi tiddikjara lil konvenut debitur tal-Bank Attur fis-somma ta' mija u sebgħat elef, erbgħa mija u sebgħa u sebgħin punt tlieta u disgħin tal-ewro (€107,477.93). Tilqa' it-tielet talba tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Bank Attur is-somma ta' €107,477.93 bl-imgħaxijiet kif mitluba. Spejjeż tal-kawża a' karigu tal-konvenut."

Illi d-debitu fuq imsemmi baqa' jakkumola u l-ammont dovut sat-30 ta' Settembru 2022, bl-imgħaxijiet inklużi, kien jaqra mija u ħdax -il elf, erba' mija u sebgħa u erbgħin Euro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€111,447.89) (ara Dok. 'B' sa Dok. 'D');

Illi in oltre, l-ispejjeż inkorsi mill-esponenti sa qabel dan il-bejgħ bis-subbasta jammontaw għal ħamest elef, erba' mija u tnejn u sebgħin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€5,472.27), li jinkludu ħamest elef u disgħa u tletin Euro u ħames ċenteżmi (€5,039.05) fi spejjeż legali skond it-Taxxa Uffiċjali tal-Qorti (ara Dok. 'E' u Dok. 'F') u erba' mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€433.22) f'Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq id-dritt tal-avukat u l-prokuratur legali;

Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut jammonta għal mija u sittax -il elf u disa' mija u għoxrin Euro u sittax -il ċenteżmu (€116,920.16) u dan oltre mgħaxijiet u spejjeż ulterjuri nkorsi wara l-imsemmiha data tat-30 ta' Settembru 2022;

Illi l-intimat jipposjedi s-segwenti propjeta`: l-garage intiż għall-użu industrijali, mibni fuq parti mill-porzjoni diviża ta' art ('plot'), indikata bin-numru mhux uffiċjali ħamsa (5), mill-artijiet imsejħa 'tal-Beċċun', fil-kontrada imsejħha 'tal-Ħandaq', fil-limiti ta' Ħal-Qormi, Malta tal-kejl ta' ċirka mitejn u sebgħin punt tlieta wieħed Metri Kwadri (270.31 MK), u liema garage huwa bla numru uffiċjali iżda mhux uffiċjalment markat bin-numru ħamsa (5) u qabel kien iġib l-isem ta' 'Caxton Printshop', fi Triq Mastro Ġorġ Cachia, f Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal-Qormi, Malta u bil-arja libera tiegħu u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu. Il-garage de quo imiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar mal-porzjonijiet diviżi tal-art (plots') bin-numri erbgħa (4) u sitta (6) mill-istess art imsejħha tal-Beċċun u mill-Punent mal-imsemmiha Triq minn fejn il-garage għandu l-aċċess;

Illi l-akkwist ta' din il-Proprjetá mill-intimat sar permezz ta' kuntratt magħmul fl-Atti tan-Nutar Dr Robert Micallef fit-30 t'April 2014 (ara Dok. 'G'). L-esponenti qed tesibixxi kopja tal-pjanta relattiva għal din il-proprjetá (ara Dok. 'H') u l-imsemmiha proprjetá tinsab delinejata bil-kulur aħmar fuq l-imsemmiha pjanta;

Illi fuq il-proprjetá imsemmiha ġew iskritti s-segwenti ipoteki u/jew privileġġi u ċjoe' dawk bin-numri 12315/2014, 20259/2022 u 22195/2022 (ara Dok. 'I' sa Dok.'K');

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi in eżekuzzjoni tas-sentenza msemmiha aktar l'fuq, din l-Onorabbli Qorti jgħoġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli fuq il-proprjetá deskritta aktar l'fuq, kif ukoll tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidrulha opportuni, u partikolarment imma mhux esklussivament dawk imsemmija fl-Artikolu 306 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-esponenti tottjeni l-ħlas tal-ammont lilha dovut, kif fuq spjegat.


Avv. Kevin Cutajar
Mamo TCV Advocates,
136, Casa Preziosi,
Triq San Kristofru, Valletta
Tel: 2123-1345

PL Silvana Vella


Esponenti: BNF Bank plc ġja` Banif Bank (Malta) plc, 203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira.

Notifika: Paul Mallia, 147, Flat numru 2, Triq Edgar Bernard, Gżira.

14 DEC 2022
Illum.......................
Ippreżentata mill-......PL.S.Vella..
B/bla dok ...............dokumenti

Rik.Nru: 467/2022 TA

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Lulju, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 467/2022 TA**

**BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Paul Mallia (K.I. Numru 0453181M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-BNF plc (Bank Attur) tat-2 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi l-kumpannija attriċi hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;

2. Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpannija attriċi;

3. Illi l-konvenut ħa mingħand il-kumpannija attriċi self biex jiffinanzja l-akkwist ta' propjeta kummerċjali;

4. Illi dan is-self, konċess ai termini ta' Credit Agreement datat 10 ta' Marzu 2014 (ara Dok. 'A') u Kuntratt pubbliku datat 30 t'April 2014 in atti tan-nutar Dr Robert Micallef (ara Dok. 'B' kien jikkonsisti f'Business Loan ta' mitejn elf Euro (€200,000) u jikkonċerna Business Loan Account numru 41042071 001;

5. Illi l-konvenut naqas milli jħallas lura dan is-self u l-ammont dovut minnu, hu ta' disgħa u disgħin elf, disa mija u tletin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€99,930.88), li sal-11 ta' Mejju 2022 kien jinkludi imgħaxijiet ta' disat elef Euro, mija u sebgħa u sittin

Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (69.167.58) (ara statement Bankarju markat Dok. 'C');

6. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attriċi ai termini ta' klawsola 9(p) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u fuq imsemmi u dan għax kif stipulat f'dik l-klawsola, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmija fl-istess Credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility;

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility;

c. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility":

7. Illi oltre d-dejn fuq imsemmi, hemm dovuti fuq Credit Card numru 41968060 0002 8874, konċessa mill-kumpannija attriċi lill-konvenut, elfejn, mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€2,183.98) li sal- ta' Mejju 2022 kienu jinkludu imgħaxijiet ta' ħames Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€5.49) (ara statement Bankarju markat Dok. 'D');

8. Illi mbagħad, fuq Current Account numru 410420 10 001 appartenenti wkoll lill-konvenut (ara account opening form markata Dok. 'E'), hemm dovuti ħamest elef, tlett mija u tlieta u sittin Euro u seba ċenteżmi (€5.363.07) bl-imgħaxijiet inklużi ta' sittax-il Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (c16.34) sal-11 ta' Mejju 2022 (ara statement Bankarju markat Dok. 'F) u dan l-ammont jikkonsisti fi spejjeż Bankarji marbuta mad-dejn fuq il-Business Loan u l-Credit Card ġia msemmija;

9. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpannija attriċi sal-u ta' Mejju 2022, kien ta' mija u sebat elef, erba' mija u sebgħa u sebgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€107.477.93):

10. Illi l-kumpannija attriċi ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 17 ta' Marzu 2021 (ara Dok. 'G) u ittra uffiċjali numru 3205/2021 datata 30 ta' Lulju 2021 u prezentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'H'), iżda dan baqa' inadempienti;

11. Illi l-kreditu tal-kumpannija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;

12. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpannija attriċi titlob bir rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €107.477.93; u

3 tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-kumpannija attriċi l-ammont ta' €107.477-93;

Bl-ispejjeż, bank charges u fees fejn applikabbli u bl-imgħaxijiet mill11 ta' Mejju 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-bank charges u fees qed jintalbu: kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Business Loan Account fuq imsemmi ai termini tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'A' kif ukoll it-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'I'); u kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi ai termini tat-Terms & Conditions (ara Dok. J u t-Tariff of Charges relattivi (ara Dok. 'K'). Dawn id-dokumenti tqiesu li saru lkoll japplikaw appena l-konvenut ha l-faċilitajiet bankarji mingħand il-kumpannija attriċi.

L-imgħaxijiet qed jintalbu: bir-rata ta' disgħa punt ħamsa fil-mija (9.5%) fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Business Loan Account fuq imsemmi u dan ai termini tal-klawsoli 5 u 9(p) tal-Credit Agreement u l-kuntratt pubbliku fuq imsemmija u markati Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament; u bit-tmienja fil-mija (8%) in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Credit Card fuq imsemmi; u bl-għaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi (ara markar bl-aħdar fuq Dok. 'K' msemmi aktar 'l fuq).

Il-konvenut huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija attriċi fil-konfront tal-istess konvenut".

Rat li din il-kawża saret abbażi tal-Artikolu 171 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ġunju 2022.

Rat li l-konvenut Paul Mallia ġie debitament notifikat skont il-liġi (a fol 20 tergo).

Rat li minkejja hekk notifikat bl-atti il-konvenut baqa' ma deherx għas-seduta tat-13 ta' Lulju 2022.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti, semgħet ix-xhieda imressqa mill-Bank Attur.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijet:**

Il-Qorti rat id-dokumenti esebiti, semgħet lix-xhud tal-Bank Attur li bil-ġurament ikkonferma li l-ammont li għadu dovut huwa dak li qed jintalab f'din il-kawża. Il-konvenut baqa' ma deherx quddiem il-Qorti fis-seduta tat-13 ta' Lulju tal-2022 sabiex jgħid jekk għandux eċċezzjonijiet validi skont il-liġi x'jagħti għat-talbiet tal-bank Attur. Mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti, jirrisulta li l-Bank Attur irnexxielu jipprova il-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża.

Għaldaqstant għal raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi il-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi**

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** billi tiddikjara lil konvenut debitur tal-Bank Attur fis-somma ta' mija u sebgħat elef, erbgħa mija u sebgħa u sebgħin punt tlieta u disgħin tal-ewro (€107,477.93).

**Tilqa' it-tielet talba** tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Bank Attur is-somma ta' €107,477.93 bl-imgħaxijiet kif mitluba.

Spejjeż tal-kawża a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**

Dok B

# STATEMENT OF ACCOUNT AT SIMPLE INTEREST

BNFBANK

Client: Paul Mallia

From: 11-May-22

To: 30-Sep-22

Loan Account No: 410420 71 001

| Date | Details | Amount Dr in EUR | Amount CR in EUR | No of Days | Interest Rate % p.a. | Interest Accruing in EUR | Capital Net in EUR | Interest less Deposits in EUR | Balance in EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11-May-22 | Judgement 14/7/2022 | | | | | | | 0.00 | -99,930.88 |
| 30-Sep-22 | Interest | | | 142 | 9.5 | 3,693.34 | 0.00 | 3,693.34 | -99,930.88 |
| **30-Sep-22** | **Closing Balance** | | | **0** | **9.50** | **0.00** | **0.00** | **3,693.34** | **-99,930.88** |

| | EUR |
|---|---|
| CAPITAL | -99,930.88 |
| INTEREST | -3,693.34 |
| TOTAL DUE | -103,624.22 |

DOK C

# STATEMENT OF ACCOUNT AT SIMPLE INTEREST

BNFBANK

Client: Paul Mallia

From: 11-May-22

To: 30-Sep-22

Credit Card No: 4196.8060.0002.8874

| Date | Details | Amount Dr in EUR | Amount CR in EUR | No of Days | Interest Rate % p.a. | Interest Accruing in EUR | Capital Net in EUR | Interest less Deposits in EUR | Balance in EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11-May-22 | Judgement 14/7/2022 | | | | | | | 0.00 | -2,183.98 |
| 30-Sep-22 | Interest | | | 142 | 8 | 67.97 | 0.00 | 67.97 | -2,183.98 |
| 30-Sep-22 | Closing balance | | | 0 | 8 | 0.00 | 0.00 | 67.97 | -2,183.98 |

| | EUR |
|---|---|
| CAPITAL | -2,183.98 |
| INTEREST | -67.97 |
| TOTAL DUE | -2,251.95 |

DOK D

# STATEMENT OF ACCOUNT AT SIMPLE INTEREST

BNFBANK

Client: Paul Mallia

From: 11-May-22

To: 30-Sep-22

Current Account No: 410420 10 001

| Date | Details | Amount Dr in EUR | Amount CR in EUR | No of Days | Interest Rate % p.a. | Interest Accruing in EUR | Capital Net in EUR | Interest less Deposits in EUR | Balance in EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11-May-22 | Judgement 14/7/2022 | | | | | | | 0.00 | -5,363.07 |
| 11-May-22 | | 0.00 | | 0 | 10 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | -5,363.07 |
| 30-Sep-22 | Interest | | | 142 | 10 | 208.65 | 0.00 | 208.65 | -5,363.07 |

| | EUR |
|---|---|
| CAPITAL | -5,363.07 |
| INTEREST | -208.65 |
| TOTAL DUE | -5,571.72 |

Dok E

Prim' Awla tal-Qorti Civili

**Ittra Ufficjali Numru 3205/21**

BNF Bank plc gja` Banif Bank (Malta) plc
vs
Paul Mallia

Taxxa tal-ispejjez li saru fl-ittra Ufficjali fl-ismijiet fuq imsemmija kif hu imsemmi hawn taht:-

Rilaxxata fil-27 ta' Jannar, 2022
Mahduma fil-27 ta' Jannar, 2022

| DATA | DETTALJI | ATTUR | KONVENUT |
|---|---|---|---|
| | | € c | € c |
| | | | |
| 02/08/2021 | Ittra Ufficjali | 36.60 | |
| | Kopja x 3 | 13.98 | |
| 07/10/2021 | Zieda | 43.20 | |
| 07/12/2021 | Zieda | 29.65 | |
| 16/11/2021 | Rikors | 30.00 | |
| | Dritt Avukat | 34.94 | |
| | Dritt PL | 11.65 | |
| 20/01/2022 | Avv Gaz Lok - Standard Publications | 92.51 | |
| | Dritt Avukat Ittra Ufficjali | 23.29 | |
| | Dritt PL Ittra Ufficjali | 7.76 | |
| | TOTAL | € 323.58 | € 0.00 |

Illum 27 ta' Jannar, 2022

Antonella Cassar
Deputat Registratur

DOK F

Taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż ta' Rikors Guramentat Numru: 467/22TA fl-ismijiet " BNF Bank plc vs Paul Mallia " deċiża fil-Qorti Ċivili-Prim'Awla fil-14 ta'Lulju 2022 fl-atti relattivi u sussegwenti.

Rilaxxata fil- 03-Oct-2022

Mahduma fil- 03-Oct-2022

| DATA | DETTALJI | ATTUR | KONVENUT |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | € | € |
| 02-Jun-22 | Rikors Guramentat | 2,400.30 | 0.00 |
| | Kopji - € 4.66 | 18.64 | 0.00 |
| 14-Jul-22 | Dritt registru sentenza | 0.00 | 0.00 |
| | Dritt avukat | 1,722.40 | 0.00 |
| | Dritt prokuratur legali | 574.13 | 0.00 |
| | | 0.00 | 0.00 |
| | | €4,715.47 | €0.00 |
| | RIMBORS | | |
| | TOTAL | € 4,715.47 | € 0.00 |

Illum

-3 OCT 2022

Melissa Galea
Deputat Registratur

**N.B. Din it-taxxa trid tkun iffirmata minn Deputat Registratur biex tkun ufficjali.**

DOK G

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1324, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

| Att Numru:- |
|---|
| 051/2014 |
| Self u Bejgh. |
| Insinwat:- |
| 02/10/2014 |
| 17968/2014 |
| Vol. I. Numru:- |
| G.P.P.:- |
| 12311/2014 |
| Privilegg:- |
| 12315/2014 |

Illum, it-tletin ta' April, elfejn u erbghatax (30-04-2014).

Quddiemi Nutar Robert Micallef, Nutar Pubbliku gewwa Malta, debitament mahtur u mahluf, qeghdin jidhru personalment wara illi jiena Nutar sottofirmat accertajt ruhi mill-identita` taghhom bis-sahha tad-dokumenti ufficcjali hawn taht imsemmija:-

## Parti I:- Partijiet

Mill-ewwel parti:- Nancy Gatt, 'head of Credit Administration Unit', mart Emanuel Gatt. Bint Emanuel Agius u Alfrida Agius nee` Zammit, imwielda fil-Pieta`, Malta nhar l-14 ta' Gunju, 1978 (karta tal-identita` numru 293978M) u Kurt Polidano, ufficcjal fil-'Credit Administration Unit', iben Anthony Polidano u Carmen Polidano nee` Debattista, imwielda fil-Pieta`, Malta nhar is-17 ta' Ottubru, 1983 u residenti fil-Mosta, Malta (karta tal-identita` numru 585783M) illi qieghed/qeghda/qeghdin jidher/tidher/jidher fuq dana l-att ghan-nom u in rapprezentanza tal-**'Banif Bank (Malta) p.l.c.'**, serje tar-registrazzjoni tal-kumpanija C41030 u bi ufficcju registrat fi numru mitejn u tlieta (203), livell numru tnejn (2), Rue D'Argens, Gzira, Malta, kif debitament awtorizzat/a/i fuq dana l-att ~ minn hawn 'l quddiem imsejjah bhala **'l-Bank'**.

Mit-tieni parti:- **Maria Rema Camilleri Azzopardi**, mart Wayne Camilleri, direttrici ta' kumpanija, bint Joseph Paul Azzopardi u Dorothy Azzopardi nee` Lloyd, imwielda f'San Giljan, Malta nhar l-20 ta' Jannar, 1979 u residenti fi numru tmeinja u tmenin (88), Triq Sant'Anna, Marsascala, Malta (karta tal-identita` numru 136279M) [99512304] ~ minn hawn 'l quddiem imsejha bhala **'l-Venditrici'**.
[Premess illi z-zwieg tal-imsemmija Maria Rema Camilleri Azzopardi huwa regolat mir-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-beni u dan bis-sahha ta' att ippubblikat minn Nutar Francesca Micallef Sammut ippubblikat fis-sittax ta' Jannar, elfejn u erbghatax (16-01-2014)].

Mit-tielet parti:- **Paul Mallia**, 'sprayer', iben guvni ta' Carmel Mallia u Carmen Mallia nee` Agius, imwieled fil-Pieta`, Malta nhar it-13 ta' Awissu, 1981 u residenti fi 'Fleur', Triq il-Kanun, Hal-Qormi, Malta (karta tal-identita` numru 453181M) [99454667] ~ minn hawn 'l quddiem imsejjah bhala **'il-Klijent/il-Kumpratur'**.

Minni Nutar maghrufa u identifikati.

## Parti II:- Self

Peress illi l-Klijent, talab sabiex jinghata b'titolu ta' self minghand il-Bank is-somma ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)** aktar 'l quddiem imsejha **'is-Self'**, u dan biex jintuza kif jintqal hawn taht.

Peress illi l-Klijent qieghed joffri lill-Bank:-
(a) **Ipoteka ġenerali** fuq il-beni kollha tieghu, preżenti u futuri, in ġenerali; u
(b) **Ipoteka speċjali** fuq il-proprjeta' f'**Hal-Qormi, Malta** hawn taht deskritta u imsejjha il-**'Proprjeta'** u dan oltre` il-**Privileġġ Speċjali** spettanti lill-Bank skond il-Liġi fuq l-istess Proprjeta', sal-ammont tas-Self flimkien mal-interessi li jiddekorru fuqha;

U peress illi l-Bank laqa' t-talba tal-Klijent taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hawn taht stipulati;

Bis-saħħa ta' din il-parti ta' dana l-att, il-Bank qieghed jagħti b'titolu ta' self lill-Klijent, illi bl-istess titolu ta' self jaċċetta, is-somma ta' **mitejn elf Euro (€**

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1324, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

**200,000.00c)**, f'dan l-att imsejħa **'is-Self'**, u dan sabiex iħallasha direttament lill-Venditrici versu l-prezz tal-akkwist tal-imsemmija Proprjeta' trasferita permezz ta' 'Parti III' ta' dana l-att u dan b'tali mod li l-Bank ikun jista' jżomm, jirreserva jew jikkonserva favurih, skond il-kaz, il-privilegg specjali kompetenti lilu skond l-artiklu elfejn u għaxra (2010) tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, Kapitlu sittax (Cap. XVI) tal-Liġijiet ta' Malta.

Sakemm ma jkunx hemm ftehim iehor, is-Self huwa pagabbli fi zmien **ħmistax-il (15) sena** jew fi kwalunkwe estensjoni ta' dan iz-zmien.

Il-partijiet jiftehmu illi fuq is-self għandu jiddekorri imgħax bir-rata kif stipulata fil-'Credit Agreement'. Dan l-imgħax għandu jiġi ikkalkolat fuq il-bilanc tas-self dovut minn zmien għal zmien u dan issir skond il-prattika bankarja.

In kawtela u bħala garanzija tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' dana l-att, partikolarment tal-pagament puntwali tas-Self u l-interessi li jiddekorru fuqu, il-Klijent qiegħed jikkostitwixxi, a favur tal-istess Bank illi jaċċetta:

(a) **Ipoteka ġenerali**, fuq il-beni kollha tiegħu, preżenti u futuri, in ġenerali sal-ammont tas-Self ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)** oltre l-interessi li jiddekorru fuqha;

(b) **Ipoteka Speċali** għall-ammont ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)**, oltre l-imgħaxijiet li jiddekorru fuqha, fuq il-Proprjeta' u dan oltre **l-Privileġġ Speċjali**, spettanti lill-Bank skond il-Liġi, fuq il-Proprjeta' sal-ammont tas-Self oltre l-interessi li jiddekorru fuqha.

Din is-sigurta' hija oltre kwalsiasi sigurta' oħra li tista' tiġi miftiehma bejn il-Bank u l-Klijent minn żmien għal żmien jew liema sigurta' hija spettanti lill-Bank skond il-Liġi.

Il-Klijent preżenzjalment jgħaraf u jaċċetta il-'Credit Agreement', f'dan l-att imsejjaħ il-'Credit Agreement', ai termini ta' liema dan is-self qiegħed jiġi mogħti u liema 'Credit Agreement' ġie maħruġ f'isem il-Klijent fl-għaxra ta' Marzu, elfejn u erbgħatax (10-03-2014), flimkien ma' emendi li saru sussegwentement lill-istess 'Credit Agreeement', u liema termini u emendi stipulati, il-Klijent jiddikjara illi qara u fehem fl-intier tagħhom.

Is-self huwa għal żmien stipulat. B'danakollu f' eventwalita' ta' ksur ta' xi wieħed jew iktar mill-obbligi msemmija fid-dokument hawn anness intitolat 'Cirkostanzi tan-Nuqqasijiet' u mmarkat bħala Dokument **'A'** u wara li l-Klijent jiġi avzati ta' dan bil-miktub mill-Bank, kull somma kapitali flimkien ma' imgħaxijiet u spejjeż in konnessjoni mas-Self, isiru dovuti u pagabbli mill-Klijent minnufih.

Madanakollu u mingħajr preġudizzju għad-disposizizzjonijiet l-oħra tal-'Credit Agreement' u/jew ta' dan l-att, f'każ li jkun hemm xi nuqqas ta' pagamenti tas-Self min-naħa tal-Klijent u/jew jekk il-Klijent b'xi mod jew ieħor ma jonorax jew jikser l-kondizzjonijiet tal-'Credit Agreement' u/jew ta' dan l-att, il-Bank jirriserva d-dritt illi fil-perjodu meta l-Klijent jkunu hekk moruż, jżid ir-rata tal-imgħax fuq l-ammont totali tas-Self li jkun dovut b'massimu ta' erbgħa fil-mija (4 %) oltre ir-rata ta' imgħax stipulata fil-'Credit Agreeement'.

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet l-oħra li l-Bank għandu taħt il-'Credit Agreement' jew dan l-att, f'kaz li l-Klijent jibqa' moruz fil-pagamenti tas-Self jew jekk jikser l-obbligi tiegħu taħt il-'Credit Agreement' u/jew dan l-att, il-Bank jista' jiddebita kull pagament, flimkien ma' imgħaxijiet u spejjez oħra relatati mill-kont/ijiet tal-Klijent mizmuma mal-Bank.

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1324, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

Il-Klijent jista' f'kull hin ihallas s-Self kollu jew parti mis-Self flimkien ma l-imghax dovut sad-data ta' meta issir il-hlas suggett li l-Bank jigi innotifkat bil-miktub mill-inqas hames (5) t'ijiem tax-xoghol qabel id-data tal-pagament li jkun imiss.

Meta parti mis-Self jigi imhallas qabel iz-zmien stipulat fil-'Credit Agreement', l-ammont pagabli kull xahar u spejjez ohra relatati jistghu jigi modifikati b'tali mod li jirriflettu il-parti tas-Self li thallset kmieni. Ghal kull buon fini, f'kaz meta parti mis-Self jithallas qabel iz-zmien stipulat fil-'Credit Agreement', it-terminu pagabbli tas-Self jibqa' dak kif miftiehem originarjament u stipulat fil-'Credit Agreement'.

F'każ ta' ħlas qabel iż-żmien stipulat fil-'Credit Agreement', ma jkunx hemm rifużjoni ta' spejjeż lil-Klijent illi gew imhallsa minnu lill-Bank u illi huma imsemmija fil-'Credit Agreement' bħal spejjeż ta' pproċessar u spejjeż legali. In oltre, fil-kaz li jithallas is-Self kollu qabel iż-żmien stipulat fil-'Credit Agreement', skontijiet fuq l-ispejjez ta' pprocessar jew fuq spejjez ohra moghtija mill-Bank lill-Klijent waqt l-iffirmar tal-'Credit Agreement', jigu mhallsa lill-Bank billi il-Bank jiddebita il-kontijiet kurrenti/'savings' f'isem il-Klijent mizmuma mal-Bank b'ammont ekwivalenti ghall-iskont ta' dawn l-ispejjez.

F'każ ta' varjazzjoni fir-rata tal-interessi tas-Self, il-Bank jista' jvarja l-ammont tal-pagamenti tas-Self illi għad fadal. Jekk ma jsir l-ebda aġġustament, il-pagamenti jkomplu sakemm is-Self, flimkien mal-interessi li jiddekorru fuqu, jitħallas lura minkejja li dan jista' jbiddel il-perjodu għall-ħlas li kien ġie previst oriġinarjament.

Il-Bank jirriserva d-dritt li jbiddel u/jew izzid mat-termini u l-kundizzjonijiet li jirreggolaw is-Self (dan jinkludi l-perjodu ta' hlas, ir-rata ta' imghax u spejjez) ghal ragunijiet ta' sigurta', ragunijiet legali, regulatorji jew suq u/jew jintroduci fil-futur spejjez u drittijiet li huma ikkonsidrati neccessarji mill-Bank fl-ambitu tal-ligi. Il-Bank irid jagħti lill-Klijenti pre-avviż raġjonevoli ta' kwalunkwe tibdil.

Barra mill-kundizzjonijiet stipulati fil-'Credit Agreement', il-Klijent u l-Bank jaqblu illi:

1. L-ispejjeż u d-drittijiet kollha in konnessjoni ma' dan il-kuntratt inklużi l-ispejjeż u d-drittijiet legali u amministrattivi magħmula minn żmien għal żmien sabiex jiġu aġġornati r-riċerki tat-trasferimenti u tad-debiti tal-istess Klijent, it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti u taxxi oħra simili, kif ukoll spejjeż ta' reġistrazzjoni u spejjeż notarili dovuti lin-Nutar sottofirmat għandhom jitħallsu mill-Klijent u filwaqt illi l-Bank qiegħed jiġi awtorizzat mill-Klijent sabiex jiddebita l-kont jew kontijiet tal-Klijent mal-Bank sabiex jitħallsu l-imsemmija spejjeż u drittijiet, l-Bank mhuwiex obbligat jivverifika jekk it-talba tan-Nutar sottofirmat hijiex ġustifikata f'dan ir-rigward.

2. Il-Klijent qiegħed jobbliga ruħhu li fuq talba tal-Bank jagħmel polza ta' assigurazzjoni fuq il-proprjeta' tiegħu kontra kull riskju normali ma' kumpannija ta' assigurazzjoni ta' reputazzjoni tajba u li l-interessi tal-Bank jiġu ndikati fuq il-polza ta' assigurazzjoni relattiva. In oltre, il-Klijent qiegħed preżenzjalment jawtorizza lill-Bank, sabiex jagħmel kull polza ta' assigurazzjoni f'dan ir-rigward fuq il-proprjeta' tiegħu kif jidhirlu l-Bank li hemm bżonn, u dan a spejjeż tal-istess Klijent.

3. Il-Klijent jobbliga ruħu a favur tal-Bank, li jaċċetta, illi qabel ma jkollu l-kunsens bil-miktub mill-Bank:

i. ma jikkostitwixix u ma jħallx li tiġi kostitwita ebda ipoteki generali a favur terzi;

ii. ma jipotekax a favur terzi il-Proprjeta' li ġiet ipotekata b'mod speċjali a favur il-Bank permezz ta' dana l-att jew permezz ta' kwalunkwe att ieħor

iii. u li bl-ebda mod ma jittrasferixxix il-Proprjeta' li giet ipotekata b'mod specjali a favur il-Bank permezz ta' dan l-att jew permezz ta' kwalunkwe att iehor; dan jinkludi kiri, lokazzjoni u sullokazzjoni lill-terzi.

4. Għall-finijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, Kapitlu mitejn sitt u disgħin (296) tal-Liġijiet ta' Malta, jiena Nutar sottofirmat niddikjara illi l-Proprjeta' ipotekata b'mod speċjali permezz ta' dana l-att tinsab f'żona ta' reġistrazzjoni obbligatorja u illi giet debitament registrata f'isem il-komparenti Venditrici bhala proprjeta' numru **zero sitta zeto zero tnejn sitta sebgha tnejn (06002672)**. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir a bazi tac-certifikat mahrug mir-Registru tal-Artijiet hawn annessa u markata dokument ittra '**B**'. Il-Klijent qiegħed jawtorizza lill-Bank sabiex jagħmel jew isegwi kwalsiasi applikazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet għar-reġistrazzjoni tal-Proprjeta' trasferita fi 'Parti III' ta' dan l-att u għar-registrazzjoni tal-ipoteki fuq l-istess Proprjeta', fl-eventwalita' li l-Proprjeta' jew tal-ipoteka tiġi dikjarata bħala żona ta' reġistrazzjoni obbligatorja.

5. Il-Klijent jagħraf illi l-Bank ottjena parir legali dwar it-titolu tal-Proprjeta' illi qiegħda tiġi ipotekata permezz ta' dan l-att, u dan sabiex jirregola ruħu dwar ir-riskju fuq is-Self mogħti lill-Klijent. Il-Klijent jiddikjara illi mhux qiegħed jistrieħ fuq id-deċiżjoni tal-Bank illi jissoministra s-Self bħala prova illi t-titolu tal-proprjeta' huwa wieħed tajjeb.

6. Il-Klijent jobbliga ruħu illi jagħti a favur tal-Bank, kull dettal u informazzjoni meħtieġa, rilevanti għall-posizzjoni finanzjarja tiegħu, kif mitluba mill-Bank minn żmien għal żmien, u li jforni lill-Bank b'dak kollu li jkun hemm bżonn biex jivverfika talli informazzjoni.

7. Il-Bank ser jirritjeni fil-pussess tiegħu r-riċerki tat-trasferimenti u tad-debiti tal-istess Klijent, sakemm is-Self jitħallas lura għas-saldu mill-istess Klijent.

8. Il-Bank jobbliga ruħu sabiex jipproċessa kull informazzjoni u dettalji personali dwar il-Klijent mgħodija lilu skond l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, kapitlu erba' mija u erbgħin (440) tal-Liġijiet ta' Malta.

Dana l-att għandu jiġi regolat u nterpretat esklussivament skond il-liġi ta' Malta. Il-Bank u l-Klijent jobbligaw ruħhom sabiex jissottomettu għall-ġurisdizzjoni mhux esklussiva tal-Qrati Maltin.

## Parti III:- Kompra-Vendita

### Parti III(A):- Trasferiment tal-proprjeta'

U bis-saħħa ta' din il-parti ta' dana l-att, il-komparenti Venditrici qegħda tbiegħ, tassenja u tittrasferixxi versu u a favur tal-Kumpratur illi minn naħa tiegħu qiegħed jaccetta, jixtri u jakkwista, is-segwenti beni immobbli, minn hawn 'l quddiem imsejħa bħala '**l-Proprjeta**'':-

**Il-garage intiz ghall-uzu industrijali, mibni fuq parti mill-porzjoni diviza ta' art ('plot'), indikata bin-numru mhux ufficcjali hamsa (5), mill-artijiet imsejha 'tal-Beccun', fil-kontrada imsejha 'tal-Handaq', fil-limiti ta' Hal-Qormi, Malta tal-kejl ta' circa mitejn u sebghin punt tlieta wiehed metri kwadri (270.31 m$^2$), u liema garage sa llum huwa bla numru ufficcjali izda mhux ufficcjalment markat bin-numru hamsa (5) u qabel kien igib l-isem ta' 'Caxton Printshop', fi Triq Mastru Gorg Cachia, f' Tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi, Malta u bil-arja libera tieghu u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu u bhala 'tale quale' u kif jidher ahjar fuq il-pjanta annessa ma' att tan-Nutar Carmel Mangion datat l-erbghatax ta' Frar, elfejn u wiehed (14-02-2001) (Ins. 2788/2001) u markata dokument ittra 'A' u liema pjanta ai fini ta' referenza qeghda tigi hawn unita bhala dokument ittra 'A' u ukoll mis-'site-plan' hawn unita u markata dokument ittra 'C'. Il-garage de quo imiss mit-Tramuntana u minn Nofasinhar mal-porzjonijiet divizi tal-art ('plots') bin-numri erbgha (4) u sitta (6) mill-istess**

Robert Micallef (Notary Public & Commissioner of Oaths _ Malta, E.U.)
Office:- 67, Doni Street, Rabat, RBT 1321, Malta, E.U.
Tel. No.:- 00356 2145 3695 Fax. No.:- 00356 2145 1577 Mob. No.:- 00356 9945 6459
Email Address:- robert@rmnotary.com

**art imsejha 'tal-Beccun' u mill-Punent mal-imsemmija Triq minn fejn il-garage ghandu l-access.**

Parti II(B):- Termini u Kundizzjonijiet

Din il-kompra-vendita qeghda ssir u tigi accettata taht is-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet, bonarjament maqbula bejn il-partijiet ghal da nil-att:-

1. Bil-prezz ta' **mitejn u hamsa u tletin elf Euro (€ 235,000.00c)** u mill-liema somma l-Kumpratur diga hallas a favur tal-Venditrici illi taqbel is-somma ta' **hamsa u tletin elf Euro (€ 35,000.00c)** u ghalaqstant il-Bank kif debitament delegat mill-Kumpratur fi 'Parti II' ta' dana l-att qieghed issa jhallas il-bilanc tal-prezz dovut mill-imsemmi Kumpratur fl-ammont ta' **mitejn elf Euro (€ 200,000.00c)** lill-Venditrici accettanti u dan ghas-saldu pjen u ntier tal-prezz u dan l-att jikkostitwixxi d-debita ricevuta. Ghaldaqstant, stante illi l-Bank wettaq id-delega lilu maghmula fi 'Parti II' ta' dana l-att qieghed issa jirrizerva a favur tieghu l-**Privilegg Specjali** spettanti lilu bil-Ligi fuq l-istess proprjeta'.
2. Il-Venditrici qeghda issa taghti s-segwenti garanziji lill-Kumpratur accettanti:-
   (a) In garanzija tal-pacifiku pussess u r-reali godiment tal-Proprjeta', il-Venditrici qeghda taghti u tikkostitwixxi **ipoteka generali** fuq il-gid u l-beni kollha taghha, prezenti u futuri u dan a favur il-Kumpratur accettanti;
   (b) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-proprjeta' hija battala u allura qeghda tinghadda lill-Kumpratur bil-garanzija tal-pussess battal;
   (c) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' qeghda tigi trasferita bhala illi hija hielsa minn kawzi, mandati u impedimenti legali ghat-trasferiment u bhala illi hija hielsa minn avvizi/ordnijiet ta' rekwizizzjoni u esproprijazzjoni;
   (d) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' hija mibnija bis-sengha u l-arti tal-bini u bhala illi hija koperti minn permessi tal-izvilupp u l-proprjeta' qeghda tigi trasferita bhala illi hija hielsa minn ordnijiet/avvizi ta' infurzar;
   (e) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' mhix skedata u bhala illi mhix ta' importanza storika, arkitettonika, monumentali, arkeologika u bhala illi mhix meqjusa bhala patrimonju nazzjonali;
   (f) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-kontribuzzjonijiet tat-triq, drenagg u asfaltar huma mhallsa ghas-saldu pjen u intier;
   (g) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi l-Proprjeta' hija hielsa minn ipoteki, privileggi u djun ohrajn;
   (h) Dwar appoggi l-Venditrici tiddikjara illi ma hemmx pendenzi dovuti minnha u jekk fi kwalunkwe kas hemm dawn jibqghu dovuti mill-istess Venditrici, filwaqt illi kwalunkwe jeddijiet taghha dwar l-istess appoggi qeghdin jigu mghoddija a favur il-Kumpratur accettanti per konsegwenza ta' dan it-trasferiment odjern;
   (i) Il-Venditrici qeghda tiggarantixxi illi kwalunkwe kontijiet gravanti l-Proprjeta' u dovuti sa llum jibqghu a karigu taghha u tintrabat illi thallas l-istess immedjatament filwaqt illi tintrabat ukoll illi taghmel tajjeb jekk il-Kumpratur ikun imgieghel jaghmel tajjeb ghal xi kontijiet illi dan tal-ahhar ikollu jhallas u illi kienu dovuti mill-Venditrici, jekk ikun hemm.
3. Spejjez tal-kuntratt u nutarili u t-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti hija a karigu tal-Kumpratur, filwaqt illi t-Taxxa fuq il-Qliegh Kapitali u hlasijiet dovuti lill-kredituri huma dovuti mill-Venditrici.
4. Senserija/hlasijiet lill-agenzija mhux dovuti in konsegwenza ta' dana t-trasferiment odjern.

Parti II(C):- Klawsoli Fiskali

Ai fini tal-Att numru sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII/1993), relattiv ghall-provenjenza, jiena Nutar sottofirmat niddikjara illi l-Venditrici kienet akkwistat l-Proprjeta` de quo meta kienet ghadha xebba u cioe` qabel iz-zwieg taghha u dan mill-poter ta' Ronald u Josephine, konjugi Urpani u dan b'titolu oneruz, bis-sahha ta' att ta' kompra-vendita ppubblikat minn Nutar Carmel Mangion datat l-erbghatax ta' Frar, elfejn u wiehed (14-02-2001) **(Ins. 2788/2001)**, minn fejn tirrizulta provenjenza ulterjuri. Ghaldaqstant, dan it-trasferiment mhux imponibbli skond 'l fuq imsemmi Att.

Ai fini tal-Att numru sbatax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVII/1993), relattiv ghat-Taxxa fuq id-Dokumenti u Trasferimenti, it-taxxa dovuta mill-Kumpratur tammonta ghal **hdax-il elf, seba' mija u hamsin Euro (€ 11,750.00c)**. B'pero` illi l-konvenju relattiv ghal dan it-trasferiment gie debitament registrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bhala P S tnejn zero wiehed tlieta zero sitta tlieta disgha erbgha (PS201306394) hawn unita u markata dokument ittra **'D'** u mir-ricevuta numru erbgha hamsa sitta tmienja sebgha tmienja (456878) hawn unita u markata dokument ittra **'E'** u in konsegwenza ghall-istess, il-Kumpratur diga hallas bhala taxxa provvizorja s-somma ta' **elfejn, tlett mija u hamsin Euro (€ 2,350.00c)**. Il-bilanc fis-somma ta' **disghat elef u erba' mitt Euro (€ 9,400.00c)** qieghed jithallas mill-Kumpratur prezenzjalment.

Ai fini tal-Att numru tmintax tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (XVIII/1993), relattiv ghat-Taxxa fuq il-Qliegh Kapitali, qieghed jigi dikjarat illi l-Venditrici kienet akkwistat il-proprjeta` aktar minn tnax-il (12) sena qabel illum u ghalhekk it-taxxa dovuta hija komputabbli bir-rata finali, biex ghalhekk it-taxxa dovuta tammonta ghal **tmienja u ghoxrin elf u mitejn Euro (€ 28,200.00c)** liema taxxa qeghda tithallas prezenzjalment.

Ai fini tal-Artikolu ħamsa ittra A (5A) sub-artikolu tnax (12) tal-Att tat-Taxxa dwar id-Dħul, il-partijiet qegħdin jiddikjaraw illi huma stqarru miegħi Nutar sottofirmat il-fatti kollha li jistgħu jiddeterminaw jekk dan it-trasferiment odjern huwiex wieħed illi jaqa' fil-parametri tal-Artikolu ħamsa ittra A (5A) u illi huma rilevanti għall-aċċertament tal-ammont propju ta' taxxa dovuta, eżenzjonijiet, inkluż il-valur illi fl-opinjoni tagħhom raġonevolment jirrifletti l-valur fis-suq tal-immobbli hawn in vendita, jekk tali valur huwa ogħla mill-prezz hawn indikat. Il-partijiet qegħdin jagħmlu tali dikjrazzjoni wara illi jiena Nutar sottofirmat wissejthom dwar l-importanza tal-veraċita' tagħha ai temini tal-Liġi.

Il-Kumpratur jiddikjara illi huwa jikkwalifika sabiex ikun jista' jakkwista l-Proprjeta' illi qegħda tiġi trasferita b'dan l-att mingħajr bżonn ta' permess ta' l-akkwist minn persuni mhux residenti u illi huwa residenti ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea u illi għix f'Malta għal perijodu kontinwu matul ħajtu ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara li jien Nutar sottofirmat spjegajtlu u wissejtu dwar l-importanza tal-veraċita' ta' din id-dikjarazzjoni skond il-Liġi.

Ai fini ta' l-Avviz Legali numru erbgħa mija u tlettax tas-sena elfejn u ħdax (A.L. 413/2011), il-Venditrici tiddikjara illi hija ċittadina ta' Malta, u illi ma għandiex l-intenjzoni li titlaq minn Malta sabiex tistabilixxi r-residenza ordinarja tagħha f'pajjiż ieħor qabel id-data tal-prospett tal-'income' għas-sena illi tiġi minnufih wara dik illi fiha sar it-trasferiment odjern. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara illi jiena Nutar sottofirmat fhemtha dwar l-importanza tal-veraċita' ta' din id-dikjarazzjoni u l-implikazzjonijiet sussegwenti.

Ai fini tal-Artikolu erbgħa u tmenin ittra 'C' sub-artikolu ħamsa (Art. 84C(5)) tal-Kapitolu ħamsa u ħamsin (Cap. 55) tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolari għall-ewwel

'proviso' tal-istess, jiena Nutar sottofirmat qieghed niddikjara illi l-Kumpratur qieghed jezenta lili Nutar sottofirmata mill-obbligu tal-ezami tat-titolu u din id-dikjarazzjoni l-Kumpratur qieghed jaghmilha wara illi jiena Nutar sottofirmat fehmtu sewwa u wissejtu dwar l-implikazzjonijiet ta' dan kollu skond kif mitlub mill-istess Kapitolu hamsa u hamsin (Cap. 55) tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-ezenzjoni ma torbotx lill-Bank.

Dan l-att gie maghmul, moqri u ppubblikat previa d-debita cerzjorazzjoni skond il-Ligi, hawn f'Malta, fil-Gzira, Rue d'Argens, fil-fond numru mitejn u tlieta (203), fit-tieni sular.

Firmati:- Nancy Gatt – Kurt Polidano – Paul Mallia – Maria Rema Camilleri Azzopardi – **Nutar Robert Micallef (Nutar Pubbliku – Malta)**

ROBERT MICALLEF NOTARY PUBLIC AND COMMISSIONER FOR OATHS MALTA

A certified true copy of original

19.04.21

DR. ROBERT MICALLEF N.P. LL.D

DOK H

This is an official document for Land Registration Agency use only




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

***Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet***
*116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta*

***Land Registration Agency***
